# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Ġunju, 2021**

**Numru 1**

**Rikors Numru 255/20TA**

**Christopher Bartolo**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Christopher Bartolo (ir-rikorrent) tal-4 ta' Novembru, 2020 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"**<u>Preliminari</u>**

Illi l-esponenti huwa persuna li jbati minn kundizzjoni medika bi problemi serji ta' sahha stante illi ghal dawn l-ahhar diversi snin huwa jbati minn problemi serji fil-kliewi u sahansitra minkejja illi sab donatur il-kilwa ma qablitx mieghu u ghaldaqstant huwa jkollu jattendi regolarment l-isptar sabiex jissottometti ruhu ghat-trattament tad-dijalisi u dan kollu jpoggih f'sitwazzjoni tahha konstatament prekarja.

**<u>Fatti tal-Kaz</u>**

Illi fil-31 ta' Mejju 2013, ftit wara li l-esponenti kien attenda ghal trattament tad-dijalisi fl-Isptar Generali ta' Ghawdex, l-esponent gie arrestat mir-residenza tieghu minn fejn gie elevat ammont ta' raza tal-kannabis u mheud l-ghassa tar-Rabat Ghawdex. Illi sussegwentement ittehdilu zewg stqarrijiet wahda fil-31 ta' Mejju 2013 ghall-habta tas-18.30 u l-ohra l-ghada fl-1 ta' Gunju 2013 ghall-habta tal-11.30 fejn l-Ispettur Bernard John Spiteri qabel it-tehid tal-ewwel stqarrija gharraf li huwa kellu d-dritt jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu, liema warning ma regax inghata lill-esponent qabel ma rrilaxxa t-tieni stqarrija. Illi sussegwentement l-esponent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) akkuzat b'reati dwar droga u illi qabel id-data tal-guri huwa intavola proceduri kostituzzjonali jilmenta minn nuqqas ta' assistenza legali waqt l-arrest. Illi minkejja dan il-Qorti Kriminali pprocediet biex tisma' l-kaz tieghu fejn huwa kien kostrett stante illi l-proceduri kostituzzjonali kienu ghadhom pendenti illi jirregistra ammissjoni.

Illi sussegwentement il-Qorti Kostituzzjonali sabet ksur u sussegwentement il-President ta' Malta akkorda l-beneficcju tal-helsien mill-arrest lill-esponenti mill-piena karcerarja illi huwa beda jiskonta. Illi sussegwentement gie deciz l-appell tal-Avukat Generali interpost mid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ewwel grad fejn filwaqt illi kkonfermat il-ksur u ghalhekk taghtu ragun rrevokat dik il-parti tas-sentenza fejn kien gie ordnat illi jitpogga fl-istess stat li kien qabel wiegeb id-domanda dwar jekk hux hati o meno. Illi din id-decizjoni tikkuntrasta ma' decizjoni ftit granet wara mill-istess Qorti Kostituzzjonali presjeduta u komposta mill-istess tlett Imhallfin presjeduta u komposta mill-istess ex-Prim Imhallef Joseph Azzopardi [komposizzjoni kompletament identika] u li allura wasslet ghal decizjoni differenti f'zewg kazijiet prattikament identici u dan f'perjodu ta' ftit granet. Illi prattikament il-Qorti Kostituzzjonali hadet ir-ragunament li minnu kien ibbenefika l-esponenti fis-sentenza tal-Prim'Awla, dak ir-ragunament akkordatu lil Brian Vella li stranament cahditu lill-esponenti fl-istadju ta' appell.

Illi inoltre l-esponenti ghamel talba quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex in vista tad-decizjoni kostituzzjonali huwa jkun jista' jibbenfika mid-disposizzjonijiet tad-Drug Court ai termini tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta liema talba giet michuda.

**<u>Illi l-esponenti qieghed iressaq is-segwenti lanjanza kostituzzjonali</u>**:

**a) Diskriminazzjni vis-à-vis il-proceduri kostituzzjonali Brian Vella vs Avukat Generali**

Illi prattikament kif ser jigi spjegat tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ewwel grad fejn filwaqt illi kkonfermat il-ksur rrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn kien gie ordnat illi jitpogga fl-istess stat li kien qabel wiegeb id-domanda dwar jekk hux hati o meno. Illi din id-decizjoni tikkuntrasta ma' decizjoni ftit granet wara mill-istess Qorti Kostituzzjonali komposta mill-istess tlett Imhallfin

presjeduta mill-istess ex-Prim Imhallef Joseph Azzopardi [komposizzjoni kompletament identika] u li allura wasslet ghal decizjoni differenti f'zewg kazijiet prattikament identici u dan f'perjodu ta' ftit granet. Illi prattikament il-Qorti Kostituzzjonali hadet ir-ragunament akkordatu lil Brian Vella filwaqt li stranament cahditu lill-esponenti fi stadju ta' appell.

Illi permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla datata hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) mill-Imhallef Jacqueline Padovani Grima l-Qorti **kienet sabet ksur**, bhala rimedju ordnat l-isfilz tal-istqarrijiet rilaxxati mill-esponenti lil pulizija kif ukoll ordnat illi l-esponenti jitpobba fl-istess stat li kien qabel wiegeb hux hati jew mhux hati u ghaldaqstnt annullat il-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali li wasslu ghal sejbien ta' htija, ghoti ta' piena u konsegwenti appell kriminali. Illi huwa oltre minn ovvju illi ai termini ta' dik is-sentenza li hassret u annullat is-sentenza, htija u piena, tal-Qorti Kriminali, kienet qed tannulla wkoll il-konsegwenti appell intavolat minn dik l-istess sentenza, htija u piena.

Illi fl-istess zminijiet u cirkostanzi certu Brian Vella kien ukoll intavola proceduri simili dwar ksur tal-isetss drittijiet invokati mill-esponenti u ili permezz ta' entenza tal-Prim'Awla per Imhallef Mark Chetcuti sabet illi ghalkemm kien hemm ksur ma giex akkordat rimedju. Illi sussegwentement Brian Vella appella mid-decizjoni tal-Prim'Awla filwaqt illi l-Avukat Generali mid-decizjoni ta' Christopher Bartolo liema appelli lill-Qorti Kostituzzjonali gew assenjati lill-istess qorti Kostituzzjonali komposta mill-istess tlett Imhallfin presjeduta ill-istess ex-Prim Imhallef Joseph Azzopardi (komposizzjoni kompletament identika) u illi stranament kif diga' gie rilevat biz-zewg processi allura jinsabu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali identikament komposta, l-istess Qorti fis-sentenzi taghha fi spazju ta' ftit granet hadet ir-ragunament li kien ibbenefika minnu Christopher Bartolo fis-sentenza tal-Prim'Awla, akkordat l-istess beneficcju lil Brian Vella filwaqt illi cahdet lill-esponent Christopher Bartolo mill-istess ragunament. Illi apparti l-aspett diskriminatorju lampanti, apparti l-fatt carissimu illi z-zewg kazijiet identici gew trattati mill-istess Qorti identikament komposta, b'mod differenti, fi spazju ta' ftit granet, minn studju dettaljat u akkurat taz-zewg sentenzi mkien ma' wiehed jista' jsib spjegazzjoni li tiggustifika tali decizjonijiet u illi dan kollu jikkostitwixxi pregudizzju serju tal-esponenti. Illi l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza ta' Brian Vella sahqet illi:

*Peress illi l-appell tal-attur quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali huwa biss mill-piena, ir-rimedju li aktar huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi hu illi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati titħassar u l-proċess kollu jibda mill-ġdid wara li titneħħa mill-inkartament l-istqarrija tal-attur u kull refer-enza għaliha. Jekk huwa minn dak li jgħid il-konvenut illi hemm provi oħra tal-ħtija tal-attur, indipendenti mill-istqarrija, għax inqabad in flagrante, dan ma huwiex ta' ostakolu għat-tħassir tas-sentenza; anzi, huwa fl-interess tal-ġustizzja li jsir hekk biex is-sejbien ta' ħtija jew nuqqas ta' ħtija tal-attur ikun imsejjes fuq provi li b'ebda mod ma jkunu mtebbgħin bl-illegalità tat-teħid tal-istqarrija u ta' ammissjoni li possibilment setgħet kienet kondizzjonata b'dik l-istqarrija.*

*Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi dwar l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn sabet ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni, għalkemm għal raġunijiet differenti, u tħassarha fil-bqija. Tgħid illi kien hemm ksur ukoll tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u, bħala rimedju, tordna li titħassar is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-20 ta' Frar 2015 fl-ismijiet <u>Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) v. Brian Vella</u>, u li l-proċess kriminali kontra l-attur jinbeda mill-ġdid quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, presjeduta minn maġistrat ieħor, wara li titneħħa mill-inkartament l-istqarrija tal-attur u kull referenza għaliha.*

Illi in fatti fil-proceduri kriminali tieghu irtira l-ammissjoni (in linea mal-istess ragunament fis-sentenza tal-Prim'Awla fil-konfront ta' Christopher Bartolo) u gie sussegwentement liberat. Illi in vista tad-decizjoni diskriminatorja fil-konfront ta' Christopher Bartolo, l-esponenti gie mcahhad milli jirtira l-ammissjoni tieghu.

Illi jekk wiehed janalizza l-fatti rilrevanti kemm tal-kaz ta' Brian Vella u kemm tal-proceduri kriminali tal-esponent wiehed jinnota illi l-fatti rilevanti fiz-zewg kazijiet huma identici fejn *inter alia* l-esponenti jista' jirrileva s-segwenti punti:

1. **Fiz-zewg kazijiet l-atturi gew akkuzati fuq reati assocjati mat-traffikar tad-droga;**
2. **Fiz-zewg kazijiet l-atturi rrilaxxaw stqarrijiet mal-Pulizija minghajr ma inghatalhom id-dritt illi jikkonsultaw ma' avukat tal-fiducja taghhom;**
3. **Fiz-zewg kazijiet l-atturi wiegbu d-domandi illi sarulhom l-istqarrijiet liema twegibiet kienu inkriminanti;**
4. **Fiz-zewg kazijiet l-istqarrijiet minnhom rilaxxati gew uzati fil-proceduri kriminali istitwiti fil-konfront taghhom;**
5. **Fiz-zewg kazijiet waqt il-proceduri kriminali l-atturi waqt li kienu assistiti minn avukat tal-fiducja taghhom ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom principarjament minhabba l-fatt illi fl-istqarrijiet rilaxxati minnhom huma kienu kkriminaw lilhom infushom;**
6. **Fiz-zewg kazijiet il-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet differenti l-ilment kostituzzjonali taghhom nonostante illi kienet komposta mill-istess Imhallfin;**

Illi l-esponent jirrileva illi nonostante illi huwa inghata ragun fir-rigward tal-ksur u s-sitwazzjoni hija kwazi identika ghal ta' Brian Vella l-Qorti Kostituzzjonali fil-proceduri kostituzzjonali tieghu ma hassitx illi ghandha tordna bhala rimedju t-thassir tas-sentenza lilu moghtija izda ordnat biss illi z-zewg stqarrijiet minnu rilaxxati jigu mnehhija mill-inkartament kriminali u dan il-fatt jikkostitwixxi diskriminazzjoni minghajr ebda raguni valida u ghalhekk jikser id-dritt fundamentali tieghu jekk kif sancit fl-artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 14 abbinat mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi fl-artikolu 14, il-Konvenzjoni trid li t-tgawdija tad-drittijiet u tal-libertajiet kontemplati fiha tkun assigurata bla diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta', twelid jew *status* iehor.

Illi l-esponenti jirrileva illi meta l-Qorti tistharreg l-ilment taht l-artikolu 4 tal-Konvenzjoni trid taghmel dan billi zzomm quddiem ghajnejha:

(i) li dak l-ilment jehtieg li jkun marbut ma' xi jedd iehor imhares mill-Konvenzjoni, u

(ii) li l-kawzali tad-diskriminazzjoni msemmijin f'dak l-artikolu huma biss indikativi u jistghu jkunu usa' mill-kawzali mahsuba fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

(iii) Wiehed irid iqis ukoll li (iii) it-trattament differenti moghti bejn kategorija ta' persuni u ohra trid tkun wahda legittima u ragonevoli, u ghalhekk mhux kull trattament differenti jwassal ghal sejbien ta' trattament diskriminatorju bi ksur talimsmmi artikolu 14.

Illi madankollu, persuna tista' sejjes talba taht dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" iehor imhares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bhal dak.

Illi Harris O'Boyle jispjega illi:-

"*the list of specific grounds on the basis of which discrimination in the area of a Convention right is prohibited is a long one and not exhaustive. The grounds on the list are examples ('any grounds such as ...') and the final one ('or other status') is open-ended";*

Illi l-Qorti ta' Strasburgu fis-sentenza Karkaris vs Cipru sahqet illi:

"*a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, it it has 'no objective and reasonable justification'. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convenction. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciatiion in assessing whether and to what extent diffrences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, bu the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court";*

Illi inoltre kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Grech vs Il-Ministru Responsabbli mil-Familja u s-Solidarjeta' Socjali et**:

*"biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-art. 14 tal-Konvenzjoni, il-qorti trid tara jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, (2) din id-differenza fit-trattament kinitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah; (3) din id-differenza kinitx bil-ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalità bejn id-differenza fit-trattament u l-għan li ried jintlaħaq permezz ta' dik id-differenza, jew kienx meħtieġ illi jkun hemm dik id-differenza biex jintlaħaq dak il-għan. Huwa importanti, għalhekk, illi l-paragun isir bejn persuni li huma "placed in analogous situations".*

Illi l-esponent jirrileva illi l-ghan tal-artikolu 14 huwa sabiex "*safeguards persons who are in analogous or relevantly similar positions against discriminatory diffrences in treatment that have as their basis or reason a personal characteristic ("status") by which persons or a group or persons are distinguishable from each other*". [**Thlimmenos vs Grecja** (Applik. Nru. 34369/97) § 40-9].

**b) Il-kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi nhar it-18 ta' Frar tas-sena 2019 l-esponent permezz ta' rikors talab lil din l-Onorabbli Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u tirreferi lill-esponent quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u dan ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap 537 ta-ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

*8 (1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduriquddiem il-Qorti Kriminali ...*

Illi ghalhekk l-esponenti invoka l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta li bih qorti tista' tintalab tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti ta' Droga u tibghat l-atti quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga skont liema procedura.

Illi originarjament l-Kapitolu 537 introdott fis-sistema legali taghna bl-Att I tal-2015 kien jeskludi illi l-Qorti tal-Appell tista' tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti ta' Droga. Izda permezz ta' referenza kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Zammit sar tibdil** fil-ligi bl-Att XXXII tal-2018 bl-inkluzjoni *inter alia* tas-subartikolu gdid (6A) tal-atiklu 8 li jindika li qorti tista' tkun ukoll qorti fi grad ta' appell. Fil-fatt, fl-istess sentenza inghad hekk:

*ladarba bl-introduzjoni tal-Att tas-sena 2015, min bhal Mario Zammit kien tressa quddiem il-Qrati Kriminali akkuzat b'reati konnesi mad-droga u l-proceduri ghadhom pendenti, jista' jekk jikkonkorru c-cirkostanzi indikata bl-Artikolu 8 tal-Att, jibbenefika minn trattament u piena anqas, u l-beneficcju li taghti dik il-ligi ghandu japplika retrospettivament favur Mario Zammit*.

Illi l-esponenti huwa tal-fehma illi bhalma n-nuqqas tal-applikabilita' tad-Drug Court ghal stadju ta' appell gie ritenut illi jikser id-drtt fundamentali ghal smiegh xieraq, bl-istess mod in-nuqqas ta' applikabilita' tal-istess disposizzjonijiet ghal proceduri quddiem il-Qorti Kriminali [specjalment meta din l-eskluzjoni ma tohrogx mil-Ligi] jikkostitwixxi wkoll ksur ta' dritt fundamentali tal-esponent ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi il-Qorti tal-Appell Kriminal permezz ta' digriet datat 3 ta' April tas-sena 2019 cahdet it-talba tal-esponenti sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' Droga stante fost l-ohrajn illi skont din il-Qorti meta l-Qorti Kostituzzjonali ghamlet referenza ghall-"Qrati Kriminali" [fis-sentenza succitata ta' Mario Zammit] certament ma kienitx qed tirreferi ghall-Qorti Kriminali izda logikament ghall-Qorti tal-Magistrati bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ghaliex dak il-kaz kien ittratta proprju wiehed migjub quddiem il-Qorti tal-Magistrati u deciz minnha. Din il-Qorti fl-istess digriet sahqet ukoll illi jekk l-artikolu 8 (1) jeskludi dawk il-kazijiet li huma soggetti ghall-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali, isegwi li jeskludi ukoll kull kaz migjub quddiem din il-Qorti mill-Qorti Kriminali.

Illi l-esponent jirrileva illi huwa ma jaqbilx ma' din il-konkluzjoni u dan peress illi skond l-esponent la l-Ligi nnifisha u lanqas il-pronunzjament kostituzzjonali [Mario Zammit succitata] ma jeskludi l-applikazzjoni tal-Kap 537 f'kazijiet li huma quddiem il-Qorti Kriminali izda l-Ligi titkellem **biss fuq kwantita' ta' droga projbita li, irrespettivament mit-tip tad-droga jew mill-purita' ma taqbizx il-kwantita' ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha bhala kwantita' ta' droga li tindika li l-persuna akkuzata m'ghandhiex tigi riferita ghal proceduri quddiem il-Qorti Kriminali. Illi l-ligi ghalhekk ma titkellimx dwar jekk persuna hux akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati jew il-Qorti Kriminali izda titkellem fuq il-kwantita` ta' droga li tkun jew ma tkunx taqbez il-linji gwida li tinsab fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza.**

Illi l-esponent jirrileva illi dan l-argument ma jaghmilx sens u sahansitra johloq diskriminazzjoni perikoluza immens fejn l-applikabilita` tal-Kap 537 ikun jiddependi biss fuq il-fatt jekk persuna tkunx giet processata quddiem il-Qorti Kriminali jew le diskrezzjoni li hija mhollija f'idejn l-Avukat Generali. Illi sabiex juri din id-diskriminazzjoni lampanti l-esponenti se jgib dan l-ezempju: illi jaf ikollok persuna A illi nqabdet b'50 gramma cannabis u gie deciz illi l-proceduri ghandhom isiru quddiem il-Qorti Kriminali u jkollok persuna B illi nqabdet f'250 gramma kannabis izda gie deciz illi l-proceduri taghha ghandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Illi dan ikun ifisser

skont ir-ragunament tad-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti illi nonostante fiz-zewg kazijiet l-ammonti ma jeccedux il-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza persuna A ma tkunx tista' tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap 537 stante illi qed tigi processata mill-Qorti Kriminali mentri persuna B [illi nqabdet b'ammont ferm ikbar] tkun tista' tapplika d-disposizzjoniiet tal-Kap 537 u dan peress u biss illi qed tigi processata mill-Qorti tal-Magistrati.

Illi l-esponenti jirrileva illi zgur mhux fl-ispirtu tal-Kap 537 illi tinholoq din id-diskriminazzjoni bejn persuna illi tinsab ipprocessata quddiem il-Qorti tal-Magistrati u persuna illi tinsab ipprocessata quddiem il-Qorti Kriminali u dan anke fl-ispirtu tal-emendi illi saru fl-istess Att sabiex anke persuni fi stadju ta' Appell ikunu jistghu juzufruwixxu mid-disposizzjonijiet tal-Kap 537.

Illi tant mhuwiex fl-ispirtu tal-Ligi illi jkun hemm din id-diskriminazzjoni illi sahansitra anke l-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta fl-artikolu 22(2B) fir-rigward ta' piena moghtija jipprovdi illi jekk persuna tkun instabet hatja mill-Qorti Kriminali wara li jkunu ittiehdu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz dik il-persuna tista' tinghata l-piena ravvizata daqs li kieku instabet hatja mill-Qorti tal-Magistrati u mhux mill-Qorti Kriminali:

*(2B) Meta, wara li persuna tkun instabet ħatja mill-Qorti Kriminali kif previst fis-subartikolu (2)(a) wara li tkun ikkunsidrat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u n-natura tad-droga involuta, il-karattru tal-persuna kkonċernata, in-numru u n-naturata' kwalunkwe kundanni preċedenti, inkluż kundanni li għalihom saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation u d-dispożizzjonijiet tar-Raba' Skeda, il-qorti hija tal-opinjoni li l-piena prevista fis-subartikolu (2)(a) hija sproporzjonata tista', billi tagħti raġunijiet, tapplika l-piena prevista fis-subartikolu (2)(b).*

Illi ghalhekk zgur mhuwiex fl-ispirtu tal-Ligi illi jkun hemm din id-diskriminazzjoni bejn jekk persuna ghandiex il-proceduri pendenti quddiem il-Qorti Kriminali jew jekk ghandiex il-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati fir-rigward tal-applikabilita' o meno tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant din id-diskriminazzjoni fl-applikabilita` skond kif giet interpretata minn din l-Onorabbli Qorti fid-digriet taghha tat-3 ta' April ta-sena 2019 qieghda tohloq pregudizzju u tikser id-drittijiet fundamentali tal-esponenti;

### c) Stqarrija Guramentata

Illi jigi rilevat ill l-kaz quddiem il-Qorti Kriminali gie msejjes principarjament fuq l-istqarrijiet moghtija minnu mill-esponent liema stqarrijiet f'wahda minnhom l-appellat ma inghatax l-opportunita` ghall-access tal-assistenza legali minn avukat tal-fiducja tieghu u fl-ohra ma inghatax l-opportunita` illi jkollu l-avukat prezenti waqt l-interrogazzjoni peress illi l-ligi f'dak iz-zmien ma kenitx tippermetti dan u ghalhekk dawn l-istess stqarrijiet huma lezivi ghad-drittijiet fundamentali kif sanciti fl-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan kif gie rilevat korrettement mill-ewwel Onorabbli Qorti. Illi sussegwentement

nhar l-1 ta' Gunju 2013 huwa kkonferma tali stqarrijiet bil-gurament quddiem il-Magistrat Josette Demicoli.

Dan id-dritt ghall-assistenza legali fi proceduri kriminali huwa rikonoxxut u protett fil-maggior parti tal-pajjizi fil-komunita internazzjonali u huwa sancit f'kull strument internazzjonali ta' drittijiet umani, inter alia, l-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet Uman, il-Konvenzjoni Inter-Amerikana ghad-Drittijiet Civili u Politici, fejn id-dritt tal-assistenza legali huwa meqjus bhala element essenzjali tad-dritt ta' smiegh xieraq.

Anke skont l-Artikolu 1 tal-United Nations Resolution on Basic Principles on the Role of Lawyers, 'all persons are entitled to receive legal assistance of a lawyer of their choice in order to protect and establish their rights and to defend them in all stages of criminal proceedings'. Ghalhekk huwa insostenibbli l-argument tal-appellant illi ma jezistix dritt ghal assistenza legali, tant illi l-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni jghid b'mod espress illi:

*Everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights: To defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal asistance, to be given when the interests of justice so require*.

Illi l-esponent jirrileva illi fiz-zmien illi ttehdulu l-istqarrijiet kemm dawk lill-Ufficjal tal-Pulizija u dik quddiem il-Magistrat Inkwerenti l-ligi ma kienetx tipprovdi l-ebda gwida fir-rigward u d-dritt ghall-assistenza legali waqt interrogatorju f'investigazzjoni tal-Pulizija u lanqas quddiem il-Magistrat Inkwerenti ma kienx jezisti.

Illi peress illi Malta hija firmatarja tal-Konvenzjoni Ewropea, li saret parti mill-Ligi Maltija permezz tal-Att XIII tal-1987, peress illi dan l-ilment huwa bbazat fuq l-artikli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea izda wkoll fuq gurisprudenza kostanti, kopjuza w univoka tal-Qorti Ewropea tad-Dritt Fundamentali tal-Bniedem, l-esponent ma jistax ma jabbraccjax kompletament ma' dawn l-enuncjazzjonijiet illi ddikjaraw illi **c-cahda ta' assistenza legali ghal persuna arrestat fiha nnifisha** tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem indipendentement minn kull kunsiderazzjoni ohra.

**Illi huwa principju assodat illi l-Qrati Nazzjonali tal-pajjizi firmatarji tal-Konvenzjoni jattribwixxu awtorita morali qawwija lid-decizjonijiet tal-Qorti ta' Strasburgu u li l-Qrati nazzjonali ghaldaqstant isegwu l-insenjamenti tal-Qorti ta' Strasburgu u mhux vice versa**.
**Fil**-fatt Lord Bingham fil-kaz **Ullah v Special Adjudicator** jghid:

*"The Convention is an international instrument .. [its] correct interpetation can be authoritatively expounded only by the Strasbourg court. It follows that a national court should not without strong reason dilute or weaken the effect of the Strasbourg case law. The duty of national courts is to keep pace with the Strasbourg jurisprudence as it evolves over time: no more, but certainly no less."*

Illi din kienet il-posizzjoni mehuda mill-Qrati lokali izda ricentament senjatament fis-sentenza Paul Anthony Caruana vs Avukat Generali et intqal illi **c-cahda ta' assistenza legali ghal persuna arrestat fiha nnifisha ma** tikkostitwixix ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem izda wiehed irid jikkunsidra cirkostanzi u kunsiderazzjonijiet ohrajn fosthom anke l-vulnerabilita` tal-persuna arrestata.

Illi jigi rilevat ghalhekk illi r-restrizzjoni sistematika tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju wehidha mhijiex leziva ghad-drittijiet fundamentali tal-bniedem izda wiehed irid jikkunsidra l-proceduri kriminali *as a whole*. Illi ovvjament il-vulnerabbilita` tal-akkuzat huma attenwanti iktar il-ghala persuna ghandha jkollha d-drittijiet fundamentali taghha iktar mharsa.

Illi l-esponenti jirrileva illi bhalma l-istqarrijiet rilaxxati minnu gew dikjarati lezivi mill-Qorti Kostituzzjonali, l-istess stqarrija guramentata rilaxxata nhar l-1 ta' Gunju tasssena 2013 quddiem il-Magistrat Josette Demicoli stante illi ma kellux id-dritt illi jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu u lanqas illi jkollu l-avukat tal-fiducja tieghu prezenti waqt tali deposizzjoni quddiem il-Magistrat Inkwerenti.

Illi sahansitra l-esponent jirrileva illi dan huwa kaz gravi u partikolari, fejn huwa afflitt minn marda serja u terminali, tant li fi zmien tal-interogazzjoni kien ikollu jaghmel sitt sieghat dialysis, fi granet alternattivi u filfatt kien gie arrestat hekk kif kieng hadu hareg minn sitt sieghat dialysis. Illi gie gustament irrimarkat illi l-pulizija meta arrestaw lill-esponent lanqas sahansitra biss zammew ebda record tal-kondizzjoni ta' sahha tieghu, b'mod illi ma jistghux jikkonfermaw jekk kienux tawh cans jiekol u jixrob bejn sitt sieghat dialysis u l-interogazzjoni tieghu jew le, skont kif stqarr l-esponent stess. Illi waqt li l-esponent kien fil-kustodja tal-Pulizija kienet ir-responsabilita` taghom illi jaraw illi sahhtu kienet mizmuma fi stat tajjeb specjalment wara li l-esponent ghamel sitt sighat dialysis.

Illi mill-provi prodotti rrizulta illi l-kundizzjoni medika tal-esponent dak iz-zmien tal-interrogazzjoni kienet tikkawzalu ugieh kbir, ansjeta u depressjoni u ghalhekk l-esponent jista' jissejjah jew deskritt bhala persuna vulnerabbli. Illi dan kollu gie kkonfermat ukoll mill-Psikologu tal-esponent Dr. Nicholas Briffa fil-proceduri kostituzzjonali:

*Xhud: Imbaghad parti minn dan il-perkors gialadarba dan ghamel fazi fuq il-magna gie interrogat. Gie interrogat ghal sieghat insomma. Hemmhekk diga' jiena fuq livell psikologiku ghandi wkoll id-dubji tieghi.*

*Imhallef: Pero' you were not around meta saru l-interrogazzjonijiet?*

*Xhud: No, no.*

*Imhallef: Dak li qed tghid inti, dak li qallek hu.*

*Xhud: Hekk huwa yes, yes. Meta persuna jkun ghaddej minn dan it-trapjant anki mediku ovvjament il-persuna tkun ghajjiena hafna izjed minn hekk is-Sur Bartolo amministrajtlu anki tests fejn ovvjament jistudjaw il-personalita` tieghu li ovvjament jiena stajt nara li l-persuna m'ghandux xi attitudnijiet kriminali jew li jaghmluh suxxettibbli biex jaghmel kriminalita`. Vis-à-vis dan, meta persuna qed jigi interrogat mill-pulizija anki vis-à-vis li dan persuna li mhuwiex involut fil-kriminalita`, mhuwiex persuna li ghandu.*

*Imhallef: Inti rajt xi criminal records tieghu qabel?*

*Xhud: No, no. Bqajt fuq il-kelma tieghu. Imbaghad qisu l-persuna malli gie avvicinat ma' xi hadd li qed jipprova ha nghid hekk jitlob ix-xiehda tieghu l-persuna minhabba li tkun ghajjiena u minhabba li mhijiex persuna li fil-fehma tieghi hija kriminali, se tkun iktar suxxettibli li twiegeb dak li l-persuna li qed tinterrogaha jkun irid. Jekk ipersuna tkun qed tghidlu li isma' dan inti ghamiltu vera, ic-cans li l-persuna twiegeb skont kif il-persuna tkun qed tillidjah, iktar se jkun fil-pozittiv. Mela persuna taf inti ahna konna fid-domandi taghna nillidjaw lil dak li jkun.*

*…*

*Dr Amadeus Cachia: Bhala konkluzzjonijiet tieghek inti kif tikkunsidra l-persuna ta' Christopher Bartolo?*

*Xhud: Il-konkluzzjonijiet huma li hawnhekk qeghdin nittrattaw dan il-bniedem li huwa vulnerabbli u vulnerabbli fuq bazi mhux biss medika imma anki psikologika bhala m'ghidt u nerga' nikkonkludi biha, il-persuna ghaddejja minn zmien ta' dipressjoni li taghmilha diga' vulnerabbli hafna u s-sitwazzjoni medika tieghu li diga' hija prekarja.*

Illi ghalhekk huwa car illi fil-kaz odjern l-esponent ghandu jigi kkunsidrat bhala persuna vulnerabbli u cioe illi l-kundizzjoni medika tieghu kompliet taggrava s-sitwazzjoni tieghu u ghaldaqstant l-istqarrija guramentata moghtija minnu, wara li kien anke rrilaxxa zewg stqarrijiet lill-Ufficjal tal-Pulizija illi gew dikjarati lezivi, ghandha tigi kkunsidrata li hi leziva ghad-drittijiet fundamentali tal-esponent kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 6(1) u 93) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

**d) Id-Diversi Rwoli tal-Avukat Generali**

Illi d-diversi setghat u rwoli moghtija lill-Avukat Generali kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u kemm taht l-Ordinanza dwar l-Avukat Generali [Kap 90 tal-Ligijiet ta' Malta] jiksru d-dritt ghal siegh xieraq, tant hu hekk illi, ricentament saru inerventi legislattivi sabiex is-sitwazzjoni inbidllet b'mod illi pero` l-esponenti kien lahaq sofra pregudizzju.

Illi qabel l-Avukat Generali bhala Prosekutur Ewlieni "jezercita dawk is-setghat skond il-gudizzju personali tieghu" [Kap 90 Artiklu 2(2)] u "mghandu jkun suggett ghal ebda ordni jew kontroll minn xi persuna jew xi awtorita`

ohra" [Kap 90 Artiklu 2(3)] jekk fl-istess Artikolu 2(1) tal-Kap 90 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avukat Generali huwa fl-istess waqt il-konsulent legali tal-Gvern u r-rapprezentant guridiku tal-Gvern Ili jidher bic-car illi r-rwol tal-Avukat generali bhala Prosekutur Ewlieni u r-rwol tieghu bhala Konsulent Legali tal-Gvern u r-rapprezentant guridiku tal-Gvern huma inkompatibbli ma xulxin u dan iwassal ghal ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq tal-esponenti. Illi fil-fatt fil-kaz odjern l-istess Avukat Generali huwa l-Prosekutur tal-kaz, kien ukoll il-konvenut fil-kawza kostituzzjonali illi l-istess esponent intavola u huwa u kien il-Konsulent Legali tal-Gvern u dan bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponent stante l-inkompatibilita` tad-diversi rwoli tal-istess Avukat Generali.

Illi fis-sistema guridika nostrana l-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu ta' certu grad ta' oggettivita` jew imparzjalita` ai termini tal-Artikolu 346 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jezigi illi l-Pulizija ggib il-provi kemm sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun ghamlet ir-reat u illi dan japplika *mutatis mutandis* ghall-Avukat Generali qua prosekutur liema funzjoni wkoll ghandha tkun kunsidrata fid-dawl tal-ilment appena maghmul u tal-kunflitt fir-rwoli tal-istess Avukat Generali bhala konsulent tal-gvern u prosekutur ewlieni. Illi inoltre l-istess ilment jimmanifesta ruhu meta wiehed jikkunsidra il-lanjanza imqajma f'dawn il-proceduri dwar id-dritt tal-assistenza legali fejn il-kunflitt tal-Avukat Generali huwa lampanti fil-vesti tieghu bhala Prosekutur Pubbliku u Ufficjal tal-Gvern jekk mhux addirittura jilledi d-dritt ghal smiegh xieraq tal-esponenti.

Inoltre jigi rilevat illi jekk dan kollu ma kienx bizzejjed ir-rwol tal-Avukat Generali fis-sistema guridika Maltija jkompli jkun ta' pregudizzju ghall-esponent u dan minhabba illi l-Avukat Generali kien precedentement konsulent tal-Gvern u b'hekk ghandu d-dritt u l-irwol illi japprova u jipproponi emendi u/jew disposizzjoniiet fil-Ligi anke dik kriminali fejn imbaghad huwa l-istess Avukat Generali illi jhaddem tali emendi u/jew disposizzjonijiet illi jkun ippropona hu fil-Qrati tal-Gustizzja. Illi fil-fatt, fi kliem JJ Cremona:

*"as a legal counsellor to the Government, and at the same time an author of all the law projects, he occupies an ideal position to influence the course of criminal legislation.'*

*...*

*"Attorney General should not be in a position to both influence criminal laws in the legislative branch and then utilize such function before the judicial organ of the State*".

Illi dan imur kontra l-principju u d-duttrina tas-separazzjoni tal-poteri u ghalhekk jikkostitwixxi ksur ghal smiegh xieraq tal-esponent. Illi ghalkemm huwa minnu illi l-Avukat Generali jgawdi l-independenza ai termini tal-Artikolu 91(3) tal-Kostituzzjonali ta' Malta illi jipprovdi illi "fl-ezercizzju tas-setghat tieghu biex jistitwixxi, jaghmel u jwaqqaf proceduri kriminali u ta' kull setghat ohra moghtija lilu b'xi ligi f'termini li jawtorizzawh li jezercita dik is-setgha fil-gudizzju individwali tieghu l-Avukat Generali ma jkunx suggett ghad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorita` ohra", tali indipendenza fil-verita` ma tezistix iktar u iktar minhabba r-rwol tal-Avukat

Generali bhala konsulent tal-Gvern u jagixxi bhala r-rapprezentant tal-istess Gvern. Illi oggettivament tali indipendenza hija totalment mankanti minhabba d-diversi kpiepel u rwoli illi l-istess Avukat Generali jassumi u konsegwentement iwasslu ghal ksur ta' smiegh xieraq.

Illi dawn ir-rwoli differenti min-natura separata u distinta taghhom jaghtu lok ghal kunflitt ta' interess fl-ezercizzju taghhom mill-Avukat Generali. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Edward Cassar u Michael Gatt deciza nhar il-25 ta' Gunju ta-sena 1986 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali pprovdiet illi:

*"Fl-ezercizju tal-funzjonijiet tieghu in konnessjoni ma' l-atti tal-kumpilazzjoni l-Avukat Generali ghandu poteri diskrezzjonali impotanti u f'certi kazi u f'certu sens jagixxi f'vesti ta' gudikant."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Alan Mifusd et vs. L-Avukat Generali et, il-Qorti Kostituzzjonali rrimarkat li:

*"Issa taht l-ebda aspett ma jista jigi kkonsidrat illi l-Avukat Generali jista' qatt ikun il-gudikant in kwantu fl-ordinament guridiku Malti, huwa l-prosekutur pubbliku per eccellenza – parti essenzjali f'kull kawza penali, u ghaldaqstant, in kwantu huwa parti, ma jistax ikun fl-istess hin imparzjali – ghaliex din timplika kontradizzjoni profonda fit-termini, mhux biss lingwistici imma wkoll guridici." [Volum 74 (1990), L-Ewwel Parti, pagna 227]"*

Illi l-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ippronunzjat ruhha fuq il-principju ta' audi alteram partem jew equlity of arms f'bosta mis-sentenzi taghha, fosthom Kress v France fejn stabbiliet li dan il-principju "... requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-a-vis his opponent" [Applikazzjoni numru 39594/98, sentenza datata 7 ta' Gunju 2001].

Applikazzjoni interessanti ta' dan il-principju jinstab fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet Borgers v Belgium, fejn il-Qorti analizzat is-sistema procedurali Belgjana u r-rwol tal-avocat général fl-istess sistema u stabbiliet li:

*"No one questions the objectivity with which the procureur général's department at the Court of Cassation discharges its functions. This is shown by the consensus which has existed in Belgium in relation to it since its inception and by its approval by Parliament on various occasions.";*

*"Nevertheless the opinion of the procureur général's department cannot be regarded as neutral from the point of view of the parties to the cassation proceedings. By recommending that an accused's appeal be allowed or dismissed, the official of the procureur général's department becomes objectively speaking his ally or his opponent. In the latter event, Article 6 para. 1 (art. 6-1) requires that the rights of the defence and the principle of equality of arms be respected.";*

…

*"The Court cannot see the justification for such restrictions on the rights of the defence. Once the avocat général had made submissions unfavourable to the applicant, the latter had a clear interest in being able to submit his observations on them before argument was closed. The fact that the Court of Cassation's jurisdiction is confined to questions of law makes no difference in this respect.";*

*"Further and above all, the inequality was increased even more by the avocat général's participation, in an advisory capacity, in the Court's deliberations. Assistance of this nature, given with total objectivity, may be of some use in drafting judgments, although this task falls in the first place to the Court of Cassation itself. It is however hard to see how such assistance can remain limited to stylistic considerations, which are in any case often indissociable from substantive matters, if it is in addition intended, as the Government also affirmed, to contribute towards maintaining the consistency of the case-law. Even if such assistance was so limited in the present case, it could reasonably be thought that the deliberations afforded the avocat général an additional opportunity to promote, without fear of contradiction by the applicant, his submissions to the effect that the appeal should be dismissed." [Applikazzjoni numru 12005/86, sentenza datata 30 ta' Ottubru 1991.];*

**e) Direttivi rigward Akkreditament tal-Laboratorji Forensici**

Illi l-esponent jirrileva illi permezz ta' Council Framework Decision 2009/905/JHA datata 30 ta' Novembru 2009 bl-isem ta' *on Accreditation of Forensic service providers carrying out Laboratory Activities* u *Regulation [EC] No 765/2008 of the European Parliament and the Council setting out the requirements for accrediation and market surveillance relating to the marketing of products* datata 9 ta' Lulju 2008 l-Istati Membri gew mituba illi r-rizultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servzzi forensici akkreditati fi Stat Membru wiehed jigu rikonoxxuti mill-awtoritajiet responsabbli ghall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bhala ugwalment affidabbli daqs ir-rizultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensici akkreditati ghal-EN ISO/IEC 17025 fi hdan kwalunkwe Stat Membru iehor. Illi dan l-ghan jinkiseb billi jigi zgurat li l-fornituri ta' servizzi forensici li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jigu akkreditati minn korp ta' akkreditament nazzjonali bhala li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025.

Illi l-Council Framework Decision 2009/905/JHA giet trasposta hawn Malta u tinsab implimentata fil-Ligi Maltija permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 460.31 bl-isem ta' Ordni dwar l-Akkreditament ta' Fornituri ta' Servizzi Forensici li jwettqu attivitajiet tal-Laboratorji datata 29 ta' Marzu 2016.

Illi jigi rilevat illi fornituri ta' servizzi forensici jistghu jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jekk jigu akkreditati mill-korp tal-akkreditament nazzjonali bhala li

jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025 li huwa mekkanizmu li jghin u li jistabbilixxi jekk laboratorji forensici jistghux joperaw b'mod kompetenti u jiggenerawx rizultati kredibbli u attendibbli u dan sabiex jippromwovu kunfidenza fix-xoghol maghmul fl-istess Laboratorji fl-istati membri.

Illi jigi rilevat illi fil-kaz odjern id-droga misjuba ghand l-esponenti giet analizzata mill-Ixjenzat Godwin Sammut [a fol 113 et seq tal-process] f'laboratorju illi dak iz-zmien ma kienx akkreditat u allura l-analizzar tal-istess droga f'laboratorju mhux akkreditat u dan ai termini ta' *standards* kemm barranin kif ukoll lokali senjatament *standards* li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025 mill-Ixjenzat Godwin Sammut iwassal ghan-nuqqasijiet u pregudizzji kbar ghall-esponenti u li jiksru d-drittijiet fundamentali tal-istess esponent stante n-nuqqas ta' konformita` ma tali *standards*. Illi n-nuqqas ta' akkreditament tal-Laboratorju hawn imsemmi ma jwassalx ghas-serhan tal-mohh fl-esponenti illi l-analizzar, il-gbir u r-rizultanti miksuba mill-istess Xjenzat huma konformi mal-Ligi anzi l-istess analizzar, gbir u r-rizultanzi miksuba jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti u dan peress illi mhumiex konformi kemm mal-Ligi Susisdjarja kif ukoll mal-Ligi Ewropea.

Illi ghaldaqstant stante illi l-Laboratorju fejn giet analizzata d-droga msemmija ma kienx akkreditat u dan ai termini l-Legislazzjoni fuq imsemmija u standards barranin jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghal smiegh xieraq u illi gie ddiskriminat u dan bi ksur tal-Artikolu 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 u 14 tal-Konvenjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

2. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi;"

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat (l-intimat) tas-26 ta' Novembru, 2021 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

"Illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti iqajjem numru ta` lanjanzi li jirrigwardaw allegat diskriminazzjoni u nuqqas ta` smigħ xieraq naxxenti mil-kawża kriminali *Ir-Repubblika ta` Malta vs. Christopher Bartolo* liema proċeduri jinsabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi l-esponent jissottometti li importanti li din l-Onorabbli Qorti tkun infurmata li in kwantu r-rikors intavolat mir-rikorrent huwa msejjes fuq allegat ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq**,** l-istess rikorrent diġa kien

ntavola proċeduri ta' natura kostituzzjonali fejn talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tiddikjara li fil-proċeduri odjerni ġew leżi d-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Illi din il-kwistjoni ġiet deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) permezz tas-sentenza fl-ismijiet *Christopher Bartolo -vs- Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija*. Illi minn din is-sentenza kien ġie ntavolat appell mill-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija, liema appell ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-ħamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018).

Illi safejn l-ilment tar-rikorrent jinsab mibni fuq allegat ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, l-esponent jemmen li dan huwa għalkollox bikri peress li l-proċeduri kriminali kontrih għandhom ma ngħalqux. S'issa għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi ir-rikorrent sejjer jiġi żvantaġġjat waqt is-smigħ kriminali tiegħu. Għal dak li jiswa jista' jagħti l-każ li l-Qorti Kriminali meta tiġi biex tikteb is-sentenza tagħha tinjora għalkollox l-istqarrijiet tiegħu u allura l-ilmenti tar-rikorrent f'dan ir-rigward imutu waħidhom;

Tassew f'dan l-istadju tal-proċeduri mhuwiex indikattiv li proċeduri kriminali jiġu diskussi u trattati *in vacuo*. F'dan il-kuntest huwa stabbilit anke f'ġurisprudenza konsistenti, li biex tinsab leżjoni tas-smigħ xieraq kif imħares taħt l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u **l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fil-kumpless kollu tiegħu. Bħala regola, biex wieħed japprezza jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru imma lejn jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri kinux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sostanza u fl-apparenza;

**<u>Dwar allegat diskriminazzjoni.</u>**

Illi l-lanjanza mqajjma mir-rikorrent titratta s-sentenza deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Brian Vella -vs- Avukat Ġenerali*** u dan stante li r-rikorrent qiegħed jallega trattament diskriminatorju mill-Qorti Kostituzzjonali fil-konfront tiegħu stante li skond hu f'sitwazzjoni kważi identika Brian Vella ingħata bħala rimedju t-tħassir tas-sentenza lilu mogħtija, filwaqt li dan ir-rimedju ma ngħatax lilu mill-istess Qorti.

Illi in kwantu din il-lanjanza hija msejjsa fuq allegat ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għall-protezzjoni minn diskriminazzjoni, l-esponent jissottometti li fl-ebda waqt fir-raġunijiet miġjuba mir-rikorrent, ma hemm imfisser fuq liema bażi li jaħsbu għalihom l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja qiegħed jistrieħ ir-rikorrent.

Skond l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, sabiex jista' jingħad li seħħ ksur ta' jedd fundamentali dwar il-ħarsien mid-diskriminazzjoni, irid tassativament jintwera li l-imġieba diskriminatorja tkun taqa' taħt xi waħda mir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni li għalihom jirreferi l-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni. Illi f'dan il-każ, ir-rikorrent ma rabatx l-allegati ilmenti tiegħu tad-diskriminazzjoni ma' xi wieħed mill-motivi li nsibu elenkati f'dan l-artikolu u ċioe razza, post ta'

origini, fehmiet politici, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identita' tal-ġeneru.

Illi għal dak li jirrigwarda l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja u jekk ġewx sodisfatti l-elementi li jaħseb għalihom dan l-artikolu, l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Abdulaziz, Cabales and Balkandali -vs- the United Kingdom*** deċiża mill-Qorti Ewropeja nhar it-28 ta' Mejju 1985 fejn ġie ritenut illi

> "*Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the 'enjoyment of rights and freedoms' safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter".*

Illi anke f'dan ir-rigward, ir-rikorrent ma allega ebda diskriminazzjoni għal xi raguni elenkata fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja hekk kif meħtieġ sabiex ikun hemm vjolazzjoni ta' dan l-artikolu tal-Konvenzjoni.

Illi kif gie osservat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet ***Enrietta Bianchi et vs Avukat Generali et*** deċiża nhar l-24 ta' Gunju 2011 :-

> "*mhux kull trattament divers iwassal għal diskriminazzjoni skont l-Artikolu 14 imsemmi iżda biex tigi ravviżata tali diskriminazzjoni dak it-trattament divers irid ikun motivat minn wiehed mill-istatus elenkati f'dak l-artikolu jew fuq xi generu ta' status ieħor"***.**

Illi r-rikorrent fl-ebda ħin ma kwalifika taħt liema kawżali huwa qiegħed jallega li ġarrab it-trattament diskriminatorju u jekk qed jinsinwa li kienet proprju il-Qorti Kostituzzjonali stess li iddisikriminat kontrih zgur li din hija biss allegazzjoni frivola u vessatorja u l-paraguni bejn sentenza u oħra huma odjużi u kemm jista' jkun għandhom jiġu evitati, aktar u aktar f'każijiet li ma jkunux konnessi ma xulxin bħal fil-każ tar-rikorrent u l-każ ta' Brian Vella li qed issir referenza għalih. Il-fatti taż-żewġ każijiet huma diversi u *del resto* l-Qorti Kostituzzjonali għandha setgħat wesgħin ta' rimedju li tista' tagħti f'kaz li ssib ksur ta' jedd fundamentali.

Għalhekk din l-lanjanza għandha tiġi miċħuda.

**<u>Dwar il-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta` Malta</u>**

Illi l-lanjanza ohra imqajjma mir-rikorrenti tirrigwarda l-Kap 537 tal-Ligijiet ta` Malta. Illi r-rikorrent jallega li huwa sofra diskriminazzjoni meta din l-Onorabbli Qorti permezz tad-digriet tagħha datat tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) ċaħdet it-talba tiegħu sabiex tassumi l-funzjoni ta'

Qorti tad-Droga stante li fost l-oħrajn irriteniet illi l-Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jeskludi każijiet miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti mill-Qorti Kriminali.

Illi anke f'dan ir-rigward huma applikabbli l-istess sottomissjonijiet li l-esponent għamel fir-rigward tal-lanjanza tar-rikorrent li titratta l-proċeduri fl-ismijiet ***Brian Vella -vs- Avukat Ġenerali*** u dan stante li r-rikorrent fl-ebda ħin ma kwalifika taħt liema kawżali huwa qiegħed jallega li ġarrab it-trattament diskriminatorju.

Illi r-rikorrenti jidher li qed iqajjem lanjanzi kostituzzjonali kull meta Qorti taghti digriet li jkun sfavorevoli ghalih. F`dan il-kaz ir-rikorrenti ghamel rikors quddiem il-Qorti Kriminali u l-Qorti Kriminali fid-diskrezzjoni u fis-sapjenza taghha ddecidiet legittimament li tichad it-talba tar-rikorrenti permezz tad-decizjoni tat-3 t`April 2019. Assolutament m`hemm xejn li jilleddi xi jedd fundamentali tar-rikorrent b`dan kollu. Illi għaldaqstant kuntrarjament għal dak li qiegħed jiġi sottomess mir-rikorrent, l-ammont ta' droga in kwistjoni jeżorbita l-ammonti ndikati fil-Linji Gwida tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi dan ifisser li irrispettivament minn kwalunkwe lment li r-rikorrent għandu fir-rigward tal-applikabbilita tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u d-digriet suriferit li ngħata minn din l-Onorabbli Qorti, l-applikazzjoni tal-Kapitolu 537 huwa awtomatikament eskluż.

Għalhekk anke din il-lanjanza għandha tiġi miċħuda.

**<u>Dwar l-istqarrija ġuramentata</u>**

Illi lanjanza oħra tirrigwarda l-istqarrija ġuramentata fejn ir-rikorrent jistqarr li skond hu l-każ tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali ġie msejjes prinċipalment fuq l-istqarrijiet mogħtija minnu. Illi l-esponent ma jaqbilx ma dan ir-raġjunament għaliex meta il-każ wasal quddiem il-Qorti Kriminali, ir-rikorrent kien diġa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih. Biżżejjed jingħad li fejn jikkonċerna s-sejbien ta' ħtija, kien ir-rikorrent stess li bl-ammissjoni tiegħu quddiem il-Qorti għal darba darbtejn ikkunddanna lilu nnifsu. Hekk kif tgħid il-massima Latina, ***confessus pro iudicato est, qui quodammodo sua sententiae damnatur,*** li tradott għall-Malti jfisser, li min jammetti l-ħtija tiegħu quddiem qorti, huwa stess ikun qiegħed jikkundanna lilu nnifsu u fl-istess waqt jiddetta s-sentenza tiegħu;

Illi r-rikorrent baqa' jżomm il-posizjoni tiegħu ta' persuna ħatja kif għadu hekk sal-llum il-ġurnata u fuq talba tar-rikorrent lill-Qorti Kriminali kien sar ukoll *pre-sentencing report* sabiex fil-kalibrazzjoni dwar il-piena, il-Qorti tkun tista' tieħu in konsiderazzjoni, fatti u ċirkostanzi fil-ħajja personali tar-rikorrent li setgħu ikollhom effett fuq il-piena li tiġi inflitta. Illi r-rikorrent kien tħalla iressaq ukoll ix-xhieda kollha li ried sabiex dawn jitqiesu meta l-Qorti tiġi sabiex tinfliġġi piena.

Il-jedd ghal smigh xieraq ma jinghatax biex min hu hati jahrab il-konsegwenzi ta` ghemilu minhabba xi formalita` nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali (**ara Joseph Bugeja vs. Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali, 14 ta` Jannar 2013**). Biex in-nuqqas ta` assistenza legali jista` potenzjalment iwassal ghal ksur ta` smigh xieraq irid jigi muri b`mod

sodisfacenti li minhabba dak in-nuqqas inholoq perikolu illi r-rikorrenti nstab hati meta ma kellhux jistab hati.

Il-jedd għal parir ta` avukat huwa intiż biex jitħarsu persuni illi minħabba sitwazzjoni partikolari ta` vulnerabilita`, djgħufija jew biża`, jagħmlu stqarrijiet li bis-saħħa tagħhom jinsabu ħatja meta fis-sewwa ħatja ma humiex. L-għajnuna ta` avukat f`sitwazzjonijiet bħal dawn isservi biex tegħleb dik il-vulnerabilita` u biex tagħti garanzija kontra kull abbuż fit-teħid tal-istqarrija ***(ara Il- Pulizija vs. Tyrone Fenech*, Qorti Kostituzzjonali, 22 ta` Frar 2013).**

Fil-ġurisprudenza nostrana ġie affermat li meta persuna tikkonferma l-istqarrija **bil-ġurament u fil-presenza tal-Magistrat Inkwirenti** dan ikun ifisser li ingħatawlha l-garanziji kollha skond il-liġi biex id-drittijiet tagħha jkunu mħarsa minn kull forma ta` abbuż. F'dan ir-rigward, l-esponenti jissottometti li ċertament li l-presenza tal-Maġistrat hija suffiċċjenti sabiex tiggarantixxi l-protezzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. L-esponent jagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-atti tar-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amanda Agius** deċiża fit-22 ta' Frar 2013

Illi r-rikorrent jistqarr ukoll li bħalma l-istqarrijiet rilaxxati minnu lill-Pulizija ġew dikjarati leżivi mill-Qorti Kostituzzjonali, l-istqarrija ġuramentata mogħtija minnu, għandha ukoll tiġi kkunsidrata li hi leżiva għad-drittijiet fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Illi f'dan ir-rigward, għandu jiġi preċiżat li l-Qorti Kostituzzjonali fil-proċeduri kostituzzjonali ntavolati mill-istess rikorrent fl-ebda ħin ma ddikjarat li kien jissusisti ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, iżda kif diġa aċċennat aktar 'il fuq f'din ir-risposta l-Qorti ddikjarat biss li l-azzjoni kienet intempestiva stante li l-proċeduri odjerni kienu għadhom pendenti u ordnat li biex ma jseħħx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma kellux isir aktar użu fil-proċeduri kriminali miż-żewg stqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent lill-Pulizija.

Illi b'referenza ukoll għad-dikjarazzjonijiet tar-rikorrent li jirrigwardaw l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, jiġi rilevat illi ma hemm l-ebda ġurisprudenza mill-Qorti Ewropeja li tiddikjara li stqarrija ġuramentata hija leżiva tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Illi l-esponent jissottometti f'dan ir-rigward li l-element tal-vulnerabbilita msemmi mir-rikorrent huwa fattur wieħed biss fost ħafna fatturi oħra li l-Qorti rriteniet li għandhom jiġu kunsidrati. Illi l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ta' Paul Anthony Caruana msemmija mir-rikorrent fil-fatt tagħmel referenza għall-każ ***Beuze v. il-Belgu***fejn ġie ritenut illi f'kull każ irid jingħata qies ukoll tal-proċess fit-totalita tiegħu u mhux biss tan-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat waqt l-interrogatorju. Illi f'dan il-kuntest referenza ssir ukoll għall-***Case of Farrugia -vs- Malta*** fejn l-enfasi tal-Qorti hija ukoll diretta lejn l-*overall fairness of the proceedings.*

Finalment l-esponent jissottometti ukoll li l-proċeduri msemmija mir-rikorrent suriferiti ma jirreferux għal stqarrija ġuramentata, iżda għal stqarrijiet rilaxxati lill-Pulizija mingħajr assistenza legali, fejn ix-xenarju huwa differenti.

Fil-każ ta' stqarrija ġuramentata l-Maġistrat bħala uffiċċjal ġudizzjarju u imparzjali jigarantixxi kontroll u legalita.

**<u>Dwar id-diversi rwoli tal-Avukat Generali</u>**.

Illi lanjanza ohra hija dwar id-diversi rwoli li ghandu/kellu l-Avukat Generali kemm taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll taħt l-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali jiksru d-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq. Illi madanakollu r-rikorrent mkien ma jispjega kif fil-każ tiegħu, l-irwoli tal-Avukat Ġenerali qegħdin jikkawżaw dan il-ksur.

Fuq kollox illum –il gurnata z-zewg rwoli li kellu l-Avukat Generali huma haga tal-passat peress li wara li inholoq l-Avukat tal-Istat, l-funzjoni tal-Avukat Generali bhala konsulent legali tal-Gvern intemmet u ghaddiet ghand l-Avukat tal-Istat u dan kif jirrizulta mil-Kap 603 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi l-esponent jissottometti li huwa għal kollox inkonċepibbli kif il-fatt illi fis-sistema legali Maltija l-Avukat Ġenerali jwettaq diversi rwoli (bħalma huwa wkoll il-każ f'ġurisdizzjonijiet oħra bħal, pereżempju l-Lord Advocate fl-Iskozja u l-Avukat Ġenerali f'Ċipru u f'diversi ġurisdizzjonijiet oħra tal-Commonwealth) b'xi mod jikser id-dritt għal smigħ xieraq tal-akkużat f'dawn il-proċeduri.

Iż-żewġ rwoli ewlenin li kienu tal-Avukat Ġenerali (kemm fil-qasam ċivili u kostituzzjonali kif ukoll fil-qasam penali) kienu t-tnejn diretti lejn il-protezzjoni tal-legalità u tas-saltna tad-dritt. Huwa ċar illi l-irwol tal-Avukat Ġenerali fil-qasam ċivili u kostituzzjonali mhuwiex l-istess bħal dak ta' avukat ta' kwalsiasi parti fil-privat iżda huwa intiż proprju biex jissalvagwardja l-legalità.

Ir-rikorrent mkien ma jispjega kif fil-każ tiegħu, fejn *del resto* l-Gvern ma għandu ebda interess ta' natura ċivili, l-irwol doppju tal-Avukat Ġenerali ikkawza intralċ fid-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Ir-rikorrent donnu jimplika li l-irwol tal-Avukat Ġenerali fil-qasam ċivili jimpedih milli jwettaq l-obbligi prosekutorjali tiegħu b'ġustizzja billi jġib quddiem il-Qorti kemm il-provi favur kif ukoll kontra l-akkużat. Din l-allegazzjoni ma hija bl-ebda mod sostanzjata u lanqas ma tagħmel sens.

Illi l-kritika għall-fatt illi l-Avukat Ġenerali kien involut fil-proċess ta' emendar ta' liġijiet hija wkoll mankanti. Il-liġijiet fis-sistema kostituzzjonali Maltija jgħaddihom il-Parlament ġeneralment fuq inizjattiva tal-Eżekuttiv. L-Avukat Ġenerali għad li huwa uffiċjal li jista jiġi konsultat fil-proċess leġislattiv ċertament li ma jgawdix funzjoni leġislattiva jew poter leġislattiv.

Għaldaqstant l-asserzjoni tar-rikorrent li dawn iż-żewġ funzjonijiet li kellu l-esponent imorru kontra d-dottrina tas-separazzjoni tal-poteri ma treġix, anzi hija manifestament frivola.

Illi l-esponent bir-rispett kollu ma jaqbel xejn mal-bran ċitat mis-sentenza fl-ismijiet ***Alan Mifsud vs L-Avukat Ġenerali et*** tar-rikors promotur. Huwa ċar illi l-Prosekuzzjoni għandha obbligu li timxi b'mod imparzjali u dan skont il-prinċipji internazzjonali kollha li jirregolaw il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekutur mhuwiex sempliċi parti f'kawża li l-għan tagħha huwa li tirbaħ akkost ta' kollox. Ir-regoli u l-etika tal-prosekuzzjoni jipprekludu dan. *Del resto* r-rikorrent qiegħed ikun ukoll selettiv kif jiċċita mill-imsemmija sentenza

peress illi f'dik is-sentenza jingħad ukoll illi anke jekk l-Avukat Ġenerali ma jitqiesx li huwa imparzjali dan ma jwassalx għal ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq tal-akkużat. L-esponent, kif diġà qal, ma jaqbilx li l-Prosekuzzjoni mhijiex soġġetta għall-obbligu tal-imparzjalità imma għandu jirrileva illi l-konklużjoni fil-kawża ta' Alan Mifsud kienet li ma kienx hemm leżjoni tas-smigħ xieraq. Fil-fatt f'dik is-sentenza l-appell kien ġie dikjarat ukoll "frivolu u vessatorju".

Illi r-referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet ***Borgers vs. Belgium*** hija ukoll żvijata kemm għax il-fatti ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-fatti tal-każ odjern kif ukoll għax il-figura tal-Procureur General fil-Qorti tal-Kassazzjoni Belġjana hija differenti minn dik tal-Avukat Ġenerali fis-sistema Maltija.

Illi ghalhekk din il-lanjanza hija frivola u vessatorja u ghandha tigi michuda,.

**Dwar l-akkreditament tal-Laboratorji Forensici**

Illi r-rikorrent jissottometti ukoll li skond hu, l-fatt li l-laboratorju fejn ġiet analizzata d-droga li tifforma l-mertu ta' dan il-każ, ma kienx akkreditat ai termini tal-Leġislazzjoni u l-*istandards* barranin imsemmija fir-rikors promotur, kien jikostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi fl-ewwel lok, l-esponent jirrileva li kif jirriżulta mill-atti proċesswali, ir-rikorrent qatt ma kellu l-ebda ilment dwar il-mod ta' kif ġiet annalizata d-droga tul il-proċeduri kollha, anzi huwa dejjem saħaq li kellu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta in vista tal-għajnuna li huwa ta lill-pulizija fir-rigward tat-traffikar tal-istess droga ! Tant hu hekk li r-rikorrent irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha miġjuba kontrih u anke jekk wieħed iħares lejn ir-rikors tal-appell intavolat minnu quddiem din l-Onorabbli Qorti, jirriżulta li l-istess rikorrent saħansitra jagħmel referenza kontinwa għad-droga *cannabis* u fl-ebda ħin ma jilmenta dwar il-mod kif ġiet annalizzata. Illi fil-fatt l-aggravju tar-rikorrent jitratta esklussivament il-*quantum* tal-piena mposta fuqu mill-Qorti Kriminali. Illi għaldaqstant l-esponent bilfors ikollu jistaqsi x'qed iwassal lir-rikorrent sabiex iqajjem ilment ta' din in-natura f'dan l-istadju inoltrat tal-proċeduri ?

Illi fit-tieni lok, jiġi rilevat ukoll li r-rikorrent isejjes dan l-ilment tiegħu fuq dak li tipprovdi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI tat-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) dwar l-Akkreditament tal-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji. Illi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas ġew trasposti fil-Liġi Maltija u implimentati permezz ta' l-Ordni dwar l-Akkreditament ta' Fornituri ta' Servizzi Forensiċi li jwettqu attivitajiet ta' Laboratorji. Illi madanakollu d-Deċiżjoni Qafas suriferita, kif ukoll l-Ordni dwar l-Akkreditament ta' Fornituri ta' Servizzi Forensiċi li jwettqu attivitajiet ta' Laboratorji, **japplikaw esklussivament għal attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi: (a) profil tad-DNA u (b) data dattiloskopika.** Illi għaldaqstant għandu jkun paċifiku li dawn ma humex applikabbli għall-każ tar-rikorrent fejn l-analiżi li saret mill-Ispiżjar

Godwin Sammut kienet tad-droga u mhux ta’ xi profil tad-DNA jew data dattiloskopika.

Illi r-rikorrent jagħmel referenza ukoll għall-*istandards* internazzjonali ISO/IEC 17025, *General Requirements for the competence of testing and calibration laboratories*. Illi f’dan ir-rigward l-esponent jissottometti li dawn l-*istandards* internazzjonali ma jimponu l-ebda obbligu li l-laboratorji forensiċi jkunu akkreditati.

Illi *in oltre* jingħad ukoll illi r-referenza li saret mir-rikorrent għar-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti msemmi mir-rikorrent huwa intiż sabiex jassigura li l-prodotti li jgawdu mill-moviment liberu ta’ prodotti fil-komunita jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha inklużi dawk fir-rigward ta’ s-saħħa u s-sikurezza in ġenerali. Illi għaldaqstant dan ir-Regolament mhuwiex applikabbli għall-każ in eżami !

Finalment u fi kwalunkwe każ, strettament mingħajr preġudizzju għal dak suespost, kemm-il darba r-rikorrent seta’ kellu xi dubju dwar il-metodoloġija użata mill-Ispiżjar Godwin Sammut fil-kors tal-analiżi tiegħu, huwa seta’ faċilment isejjaħlu bħala xhud u jistaqsih d-domandi kollha li jidhirlu opportuni.

Ghalhekk u fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-proceduri;

Semgħet ix-xhieda imressqa mir-rikorrent;

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Semgħet is-sottomissjonijiet ulterjuri tal-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta tat-12 ta’ April 2021;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta’ fatti**

**1.** Jibda biex jingħad li l-fatti f'dawn il-proċeduri għandhom importanza partikulari peress li parti sostanzjali tal-pretensjonijiet tar-rikorrent jiddependu fost oħrajn fuq kif seħħew l-avvenimenti li wasslu għal dawn il-proċeduri.

**2.** Ir-rikorrent huwa persuna afflit minn disturbi renali tant li fil-bidu tal-2011 kien ġie intubat f'għonqu sabiex ikun jista' jibda jieħu t-trattament għal din il-kundizzjoni. Fil-**31 ta' Mejju 2013**, kien arrestat u ttieħed l-għassa tar-Rabat Għawdex. Mir-residenza tiegħu, ġew elevati sebgħa blokkok meħuda mir-raża kannabis. Għall-ħabta tas-6.30pm, wara li kkomunika mal-avukat tiegħu bil-mezz telefoniku rrilaxxja l-ewwel stqarrija.

**3.** Fl-**1 ta' Ġunju 2013** deher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) Bħala Qorti Istruttorja. L-akkużi kienu marbuta ma' użu, tqassim u pussess ta' droga meħuda mir-raża kannabis. Ir-rikorrenti kien anke indikat bħala reċediv. Quddiem din il-Qorti r-rikorrent qua akkużat irrilaxxja t-tieni stqarrija.

**4.** Fis-**16 ta' Ottubru 2013**, irreġistra ammissjoni tal-akkuzi kollha fil-presenza tal-avukat tiegħu. Għalkemm ingħata żmien mill-Qorti biex jikkonsidra jaħsibha, ir-rikorrent ippersista fl-ammissjoni tiegħu.

**5.** Fl-**14 ta' Mejju 2014,** quddiem l-istess Qorti Istruttorja, għar-raba' darba reġa' tenna l-ħtija tiegħu. Din id-darba fil-presenza tal-avukat tiegħu.

**6.** Fis-seduta tat-**3 ta' Lulju 2016**, dejjem quddiem l-istess Qorti, l-Avukat Ġenerali talab l-applikazzjoni tal-artikolu 392B(2) tal-Kodiċi

Kriminali biex l-akkużi kontra r-rikorrent qua akkużat jitqiesu bħala Att ta' Akkuża.

**7.** Il-Qorti Kriminali appuntat is-smiegħ għall-**10 ta' Lulju 2014** skont kif jitlob l-artikolu 392(B)(3) tal-Kodiċi Kriminali. Dak in-nhar id-difensur tar-rikorrent talab li jingħata żmien biex ikunu jistgħu isiru xi patteġġjamenti.

**8.** Il-Qorti ħalliet is-smiegħ għall-**15 ta' Ottubru 2014** meta f'dik is-seduta r-rikorrent reġa' kkonferma l-ammissjoni tiegħu.

**9.** Fil-**5 ta' Ottubru 2016** ir-rikorrent presenta proċeduri fil-Prim Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) jilmenta li d-drittijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa minn artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni u minn artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ġew miksura minħabba li ma kienx assistit minn avukat.

**10.** Fid-**19 ta' Ottubru 2016**, ir-rikorrent talab lill-Qorti Kriminali sabiex sakemm ikun deciz ir-rikors Kostituzzjonali imsemmi, tissospendi l-prodeċuri quddiemha. Fl-**24 ta' Novembru 2016** din it-talba ġiet miċħuda.

**11.** Fis-**27 ta' April 2017** il-Qorti Kriminali tat is-Sentenza. Fuq l-ammissjoni tar-rikorrent, ikkundannatu għall-piena ta' ħames snin priġunerija u multa ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000).

**12.** Fit-**18 ta' Mejju 2017** ir-rikorrent intavola appell għal quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li permezz tiegħu talab li tkun irriformata s-Sentenza tal-Qorti Kriminali fuq imsemmija billi fil-waqt li tikkonferma fejn dik il-Qorti sabet ħtija abbażi tal-ammissjoni magħmula tbiddilha inkwantu l-piena għal waħda aktar ekwa u ġusta.

**13.** Fit-**23 ta' Novembru 2017**, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) b'Sentenza sabet li r-rikorrent sofra leżjoni tad-dritt tiegħu għall-smiegħ xieraq peress *li ma ingħatax aċċess għall-assistenza legali waqt l-interogazzjonijiet li sarulu mill-Pulizija. Minhabba f'hekk il-Qorti ordnat l-isfilz tal-istqarrijiet rilaxxjati lill-Pulizija u kwalunkwe xhieda tal-Pulizija li tagħmel referenza għall-kontenut ta' dawn l-istqarrijiet. Ordnat ukoll illi r-rikorrent jingħata l-possibilita' li jirtira jew jikkonferma l-ammissjoni magħmula minnu quddiem il-Qorti. Fl-aħħar nett ordnat li f'każ li r-rikorrent jirtira l-ammissjoni magħmula minnu, jiġu sfilzati r-rapport tal-probation officer Carmen Nyggaard u kwalunkwe referenza għall-ammissjoni magħmula mir-rikorrent.*

**14.** Fil-**5 ta' Diċembru 2017**, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija intavolaw appell mis-Sentenza imsemmija għal quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

**15.** Fis-**27 ta' Frar 2018**, ir-rikorrent ingħata l-ħelsien mill-arrest mill-President tar-Repubblika ta' Malta abbazi tal-artikolu 574(3) tal-Kodiċi Kriminali. Nel frattemp ir-rikorrent kien laħaq skonta parti mill-piena fuq imsemmija.

**16.** Il-Qorti Kostituzzjonali, permezz ta' Sentenza tal-**5 ta' Ottubru 2018** laqgħet l-appell *inkwantu l-proċeduri kienu intempestivi u ordnat minflok li biex ma jseħħx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx użu fil-proċeduri*

*kriminali miż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent u li kopja ta' din is-Sentenza tkun inserita fil-proċess.*

**17.** Fl-**14 ta' Diċembru 2018** il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet Brian Vella -vs- Avukat Ġenerali, bħala rimedju ordnat it-tħassir tas-Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-20 ta' Frar 2015 fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Brian Vella u li l-proċess kriminali jinbeda mill-ġdid. Ordnat ukoll li titneħħa l-istqarrija u kull referenza għaliha. Din hija s-Sentenza li abbażi tagħha r-rikorrent f'din il-Kawża qiegħed jilmenta li sofra diskriminazzjoni għaliex qed jargumenta li *pari paribus* kellu jkun trattat bl-istess mod.

**18.** Wara rikors magħmul mir-rikorrent fit-**18 ta' Frar 2019**, fit-**3 ta' April 2019** il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet talba tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti tal-Appell Kriminali rrifjutat li tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u tirreferih lill-Bord ta' Rijabiltazzjoni.

**19.** Fl-**20 ta' Awwissu 2019**, ir-rikorrent intavola rikors quddiem il-Qorti Tal-Appell Kriminali li permezz tiegħu talab li ssir referenza Kostituzzjonali għal quddiem il-Prim Awla Civili ai termini tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni inkwantu allega li kienu qegħdin jinkissrulu d-drittijiet fundamentali kif imħarsa minn artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni u artikoli 14 u 6 tal-Konvenzjoni. B'digriet tal-**15 ta' Jannar tal-2020**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet din it-talba.

**20.** Fl-**4 ta' Novembru 2020** ir-rikorrent intavola dawn il-proċeduri.

## Punti ta' Liġi

**21.** Ir-rikorrent jibda biex jilmenta li mis-segwenti:

1. Li l-mod kif iddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Brian Vella inkisrulu d-drittijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa minn artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikoli 14 abbinat ma' artikolu 6 tal-Kostituzzjoni.

2. Li meta invoka artikolu 8 tal-Kap 537 sabiex il-Qorti tal-Appell Kriminali tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti tad-Droga u b'digriet tat-3 ta' April 2019, anke hawn inkisirlu dritt fundamentali tiegħu kif imħares minn artikoli 6 u 39 tal-Konvenzjoni u Kostituzzjoni rispettivament.

3. Li l-istqarrijiet ġuramentati tar-rikorrent quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fl-1 ta' Ġunju 2013. Anke hawn qed jingħad li ġew leżi d-drttijiet fundamentali tar-rikorrent kif imħarsa mill-artikoli 6 u 39 tal-Konvenzjoni u Kostituzzjoni rispettivament.

4. Li l-Avukat Ġenerali jeżerċita rwoli li huma inkompatibbli ma' xulxin. Jgħid li l-Avukat Ġenerali huwa prosekutur tal-Każ, intimat fil-kawża Kostituzzjonali u fl-istess ħin konsulent tal-Gvern ukoll. Dan għidu b'referenza għall-artikoli 2(2), 2(3) u 2(1) tal-Kap 90 tal-liġijiet ta' Malta. Dan għidu ukoll fil-kuntest ta' dak li jiddisponi l-artikolu 91 tal-Kostituzzjoni. Jidher li r-rikorrent qiegħed isostni li dan huwa bi ksur

ta' artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Il-Qorti qed tasal għal din il-konkluzjoni peress li r-rikorrent jagħmel referenza għas-Sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Borgers -vs- Belgium.

5. Li inkwantu li l-eżami tas-sustanzi ossia droga mertu tal-proċeduri kriminali ma sarux minn laboratorju forensiku akkreditat u dan fit-termini tal-Council Framework Decision 2009/905/Ha li ġiet trasposta fil-liġi Maltija permezz tal-leġislazzjoni Sussidarja 460.31. Minħabba f'hekk ir-rikorrent jilmenta li anke hawn inkissrulu d-drittijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa mill-artikoli 6 u 39 tal-Konvenzjoni u Kostituzzjoni rispettivament.

**22.** Il-Qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra l-ilmenti tar-rikorrent. Pero, mhux neċessarjament fl-ordni kif elenkati hawn fuq u cioe' fl-ordni kif elenkati mir-rikorrent fir-rikors tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet**

<u>*Direttivi rigward Akkrediment tal-laboratorji Forensici*</u>

**23.** Kif diġa' aċċennat, ir-rikorrent qiegħed jibbaża l-ilment tiegħu f'dan ir-rigward peress li meta d-droga misjuba għandu, ġiet eżaminata mix-xjenzjat Godwin Sammut dan sar f'Laboratorju li ma kienx akkreditat. Ir-rikorrent jgħid li konsegwentement l-analiżi tad-droga ma kienitx konformi Mal-Council Frame work 2009/905/JHA li ġiet trasposta fil-liġi Maltija

permezz ta' Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31 bl-isem ta' Ordni Dwar Akkreditament ta' Fornituri ta' Servizzi Forensiċi datata 29 ta' Marzu 2016. Għalhekk din l-analiżi mhux biss ma kienitx konformi ma' dawn ir-regolamenti iżda anke ma standards barranin u jsemmi f'dan ir-rigward l-EN ISO/IEC 17025.

**24.** Fir-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinsisti speċifikament li minħabba f'hekk id-drittijiet fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq ai termini tal-artikolu 6 u 39 rispettivament ġew leżi (ara l-aħħar paragrafu qabel it-talbiet tar-rikors promotur a' fol 10).

**25.** Il-Qorti tibda biex tosserva li artikolu 3 tal-Liġi Sussidjarja 460/31 jispeċifika b'mod ċar l-iskop ta' din l-ordni billi jiddisponi hekk:

*"Dan l-Ordni jimplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-Akkreditamenttal-Fornituri ta' Servizzi Forensiċi li jwettquAttivitajiet tal-Laboratorji u għandu japplika għal attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi:*

*(a) profil tad-DNA; u*

*(b) data dattiloskopika".*

**26.** Din l-ordni hija trasposizzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill Ewropew fuq imsemmija (Il-Qafas). L-oġġettivi ta' dan il-Qafas jagħmilha cara li jirrigwarda <u>biss</u> "*DNA profiles and dactyloscopic data are not only used in criminal proceedings but are also crucial for the identification of victims, particularly after disasters*". Igifieri l-akkreditament huwa limitat

biss għat-teħid ta' impronti tas-swaba' u elevazzjoni ta' traċċi ta' DNA. Il-preokuppazzjoni ma hiex biss fir-rigward ta' proċeduri kriminali iżda b'mod partikulari għal wara disastri. Il-Qorti ma tistax timmaġina kif l-argument tar-rikorrent jista' jikkonfigura fl-aħħar każ.

**27.** Huwa minnu ukoll li b'referenza għall-istandards EN ISO/IEC 17025 artikolu 4 tal-LS 460/31 jiddisponi ukoll is-segwenti u cioe':

*"L-għan ta' dan l-Ordni huwa sabiex:(a) jiġi żgurat li r-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqa minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati fi Stati Membri oħrajn tal-Unjoni Ewropea jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet Maltin responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bħala ugwalment affidabbli daqs ir-riżultatital-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituritaʼ servizzi forensiċi domestiċi akkreditati għall-ENISO/IEC 1702;*

*(b) li jiġi żgurat li fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji f'Malta jiġu akkreditati b'konformità mal-EN ISO/IEC 17025".*

**28.** Il-Qorti tirrileva, li din ir-referenza għandha tittieħed fil-kuntest tal-Qafas u ta' dak li speċifikament li jkun regolat. Dan ifisser fiż-żewġ ċirkostanzi fuq imsemmija. Di fatti l-Qafas jispjega li "*That objective is to be achieved by preventing and combating crime through closer cooperation between law enforcement authorities in the Member States, while respecting the principles and rules relating to human rights,*

*fundamental freedoms and the rule of law on which the Union is founded and which are common to the Member States".*

**29.** Iġifieri l-iskop mhux biss li jitħarsu d-drittijiet tal-akkużat. Iżda li jkun hemm anke mezzi kif tkun miġġielda l-kriminalita'. Il-Kunsill irid li jkun hemm bilanċ bejn dawn iż-żewġ forzi li ħafna drabi jkunu kontrapposti. Għalhekk f'ċirkostanza bħal din il-Qorti la tista' twessa' t-tifsira tal-Qafas favur il-prosekuzzjoni u l-anqas favur l-akkużat anke in ommagg tal-prinċipju *ubi lex voluit dixit.*

**30.** Sa fejn jirrigwarda dan l-ilment għalhekk il-Qorti taqbel ma' dak li intqal diġa' minn dawn il-Qrati u cioe' li din il-liġi '*tapplika esklussivament għall-attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi (a) profil ta' DNA u (b) data dattiloskopika u mhux analiżi ta' droga, u dan kif imfisser fir-regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31. Mhux biss iżda r-regolament 6 jiddisponi illi dan "**l-Ordni huwa mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet legali li jikkonċernaw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza,**" biex b'hekk l-ammissibbilita` o meno tal-prova li trid issir permezz tar-riżultanzi forseniċi magħmula mill-espert Mario Mifsud għandha issir fit-termini tal-dritt penali fir-rigward.'* (ara **digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali Onor. Per Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D. Appell Numru: 6/2014 Il-Pulizija (Spettur Johann Fenech) -vs- Mario Buhagiar tas-26 ta' Ġunju, 2020**).

**31.** Il-Qorti l-anqas tista' ma tosservax li tul il-proċeduri r-rikorrent ma għamel ebda ilment f'dan ir-rigward. Anzi meta għamel l-appelli tiegħu,

illimita l-aggravji tiegħu unikament għal kwantum tal-piena. Din il-Qorti ma taqbel xejn mal-attitudni li f'kawżi ta' natura Kostituzzjonali, fejn dak li jkun dejjem jipprova joħroġ il-fenek mill-kappell meta diġa' jkollu aggravji oħrajn li jkunu ħafna aktar ta' sustanza. Dan l-element ta' sorpriża jew ta' tqanżiħ fil-kisba ta' xi raġuni li tkun bla fundament, kapaċi jnaqqas ħafna mill-konċentrazzjoni, enerġiji u spessur ta' ħsieb li jkun hemm bżonn, tant meħtiega fil-konsiderazzjonijiet ta' aggravji aktar serji.

**32.** Għalhekk dan l-ilment ser ikun miċħud.

*<u>Id-Diversi rwoli tal-Avukat Ġenerali</u>*

**33.** Fir-rikors promotur tiegħu, ir-rikorrent jagħmel rijassunt ta' dan l-ilment b'dan il-mod:

"*Illi jidher ċar illi rwol tal-Avukat Ġenerali bħala Prosekutur Ewlieni u rwol tiegħu bħala Konsulent Legali tal-Gvern huma inkompatibbli ma' xulxin u dan wassal għal ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq tal-esponenti*".

**34.** Il-Qorti ma tistax ma tammettiex, li is-sitwazzjoni li kienet tesisti qabel l-introduzzjoni ta' artikolu 91A tal-Kostituzzjoni ma kienitx waħda feliċi. Illum, iż-żewġ rwoli ġew mifruda. L-Avukat tal-Istat assuma r-rwol tal-konsulent legali tal-Gvern flok l-Avukat Ġenerali. B'dana kollu din il-Qorti trid tfakkar, li taħt ir-reġim antik tal-liġijiet, ir-rwol tal-Avukat Ġenerali bħala konsulent tal-Gvern kienet assenjata lilu mhux b'artikolu 91 tal-

Kostituzzjoni, iżda b'artikolu 2 tal-Kap 90 tal-liġijiet ta' Malta. Iġifieri, fil-waqt li r-rwol bħala Prosekutur Ewlieni tal-Istat kienet vestita fih mhux b'liġi speċjali, iżda bl-ogħla liġi tal-pajjiż, dik ta' Konsulent Legali b'liġi ordinarja. F'dan ir-rigward din il-funzjoni illum ġiet assenjata lill-Avukat tal-Istat li b'artikolu 91A tal-Kostituzzjoni bis-salvagwardji kollha kostituzzjonali.

**35.** Id-dibattitu dwar dan ir-rwol doppju li kellu l-Avukat Generali taħt ir-reġim l-antik, li tassew kien pjuttost inkongruwu u anke potenzjalment konfliġġenti, kien ilu għaddej, tant li kif qal tajjeb ir-rikorrent, anke il-Professur JJ Cremona kien ilmenta dwar dan. Mhux biss il-Professur JJ Cremona imma anke numru ta' akkademiċi oħrajn, fosthom il-Professur Kevin Aquilina, ġja dekan tal-Fakulta tal-Liġi fl-Universita' ta' Malta, li kien voċiferu dwar id-diversi kpiepel istituzzjonali tal-Avukat Ġenerali (**The State Advocate Bill No. 83 of 2019: Acting in Breach of Malta's International Obligations. On Line Law Journal**)

**36.** Pero' huwa rilevanti li jingħad li din l-Istituzzjoni, kienet ilha titħaddem sa mill-1964. Tħaddmet f'kuntest ta' tradizzjoni li tirrispetta demokratikament id-drittijiet tal-individwu. Istituzzjoni, kif inkorporata fis-sistema akkużatorja (*adversarial*) u mhux prosekutorja, fin-nisġa ta' precetti u prinċipji legali li jħarsu lill-akkużat, mhux b'sors Kostituzzjonali, iżda partikularment b'segwitu ta' tagħlim legali empiriku Ingliż li evolva maż-żminijiet. Prinċipji li kienu diġa' sinjifikanti sa minn żmien Sir William Blackstone fit-tmintax-il seklu.

**37.** Fost oħrajn prinċipji bħal ma huma l-presunzjoni tal-innoċenza, li l-piż tal-prova jistrieħ fuq il-prosekuzzjoni u li hija din li trid tipprova l-każ tagħha, id-dritt tal-akkużat li ma jinkriminax lilu nnifsu, li l-grad tal-prova għandu jkun lill-hinn minn kull dubbju li tiddetta r-raġuni biex dak li jkun jinstab ħati, l-osservazzjoni *ad unguem* tat-termini fatali dettati mil-liġi li jistrieħu fuq il-prosekuzzjoni u anke fuq il-Qorti b'mod, li jekk ma jkunux osservati l-akkużat jiġi meħlus, li preskrizzjoni ta' rejat hija irrinunzjabbli tant li kuntrarjament fil-kamp ċivili, anke tista' titqanqal ex-ufficio mill-Qorti u fl-aħħar nett li l-prosekuzzjoni għandha l-obbligu li tipproduċi anke provi li jiskulpaw lill-akkużat. Di fatti, l-Avukat Ġenerali jista' jtemm il-proċeduri billi joħrog ordni ta' *nolle prosequi* (ara artiklu 91 tal-Kostituzzjoni u 2(1) tal-Kap 90 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan l-obbligu baqa' anke fil-liġijiet il-ġodda.

**38.** Sensiela twila ta' prinċipji li meta jittieħdu flimkien fil-kuntest tad-duttrina tas-separazzjoni ta' poteri (*separation des pouvoirs*) jammontaw għac-"checks and balances" awspikati minn din id-duttrina fuq figura daqshekk b'saħħitha, kif fil-fatt għadha, tal-Avukat Ġenerali. Fl-aħħar nett, fuq dan kollu hemm Kapitolu 4 u artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, jishru, mhux biss fuq l-Avukat Ġenerali iżda fuq l-apparat kollu tal-Istat kif fil-fatt jixhdu dawn l-istess proċeduri.

**39.** Il-Qorti tħoss li għandha tagħmel ukoll din l-osservazzjoni: li għalkemm huwa minnu, li taħt ir-regim l-antik, l-Avukat Ġenerali fuq il-karta kien insindakabbli fit-twettiq ta' dmirijietu, dawn il-Qrati qatt ma qagħdu lura milli jiddikjaraw li xi parti tal-Kostituzzjoni stess tista' tikser xi dritt fundamentali

tal-individwu. Per eżempju dan sar fir-rigward tal-Kummissjoni Għas-Servizz Pubbliku minkejja li artikolu 115 għadu għid car u tond, li l-għemil ta' din il-Kummissjoni ma jista ikun eżaminat minn ebda qorti.

**40.** Il-Qrati tagħna sostnew li l-PSC m'hijiex insindikabbli b'mod assolut, meta jkun allegat li ma segwietx ir-regoli ta' proċedura li hi stess tkun għamlet għas-smiegħ tal-każi li jkollha quddiemha, jew li tkun aġixxiet b'mod diskriminatorju (ara **Sentenza fl-ismijiet Galea -vs- Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, deċiza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Jannar 1985**). Dan huwa l-prinċipju meta jkun hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem jew jekk jinkisru l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew l-għemil ikun ultra vires il-poteri mogħtija lil xi persuna jew Awtorita' Kostituzzjonali. (ara **Sentenzi fl-ismijiet Cassar -vs- Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, eventwalment ċeduta quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Novembru 1985, Galea -vs- Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, deċiza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Jannar 1985**).

**41.** Il-Qorti ħasset li kellha tagħmel dan il-punt għaliex, dak li kien applikat fil-konfront tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku ma jistax ikun eskluż li huwa applikabbli fil-konfront tal-Avukat Ġenerali, kemm taħt ir-reġim l-antik u kif ukoll dak attwali. Id-duttrina tal-insindakabbilita' tapplika sakemm fl-eżercizzju tiegħu, l-uffiċjal u jkun min ikun , jirrispetta d-dettami ta' rispett sħiħ tal-liġi kif spjegat mill-Qrati tagħna. Dan l-argument huwa

ukoll il-qofol tal-prinċipju *omnibus idem* u cioe' li ħadd ma hu 'l fuq mill-liġi u li quddiem il-liġi kulħadd huwa meqjus l-istess u cioe' *aequato iure quisque*.

**42.** Fir-rikors tiegħu, ir-rikorrent ma hux jattribwixxi għemil bħal dak li dejjem kien iċċensurat mill-Qrati tagħna. L-ilment tiegħu huwa, li l-fatt li l-Avukat Ġenerali jilbes aktar minn kappell wieħed, indipendentement mill-fatt jekk eżerċitax il-poter tiegħu bi ħsara għad-drittijiet ad hominem (test suġġettiv), għall-fatt biss li hemm potenzjalment dan il-konflitt fid-diversi rwoli tiegħu, id-drittijiet tar-rikorrent taħt artikolu 6 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament xorta qegħdin ikunu leżi (it-test oġġettiv).

**43.** Il-Qorti tistqarr li ż-żewġ rwoli tal-Avukat Ġenerali, kif kienu qabel ma nbidlet il-liġi, **setgħu** jagħtu lok għall-ksur ta' dritt fundamentali tal-bniedem fir-rigward ta' persuna. Pero' anke issa, dan għadu jista' jseħħ, għalkemm għal raġunijiet għal kollox differenti, għaliex kif diġa' aċċennat, kollox jiddependi minn kif ikunu eżerċitati l-poteri fdati lill-Avukat Ġenerali. Dan japplika għal kull kariga u Awtorita' li hija fdata bil-poter li tiddeċiedi dwar materja li jolqtu liċ-ċittadin mill-qrib. Iżda sa fejn jirrigwarda l-ilment jekk din il-biżgħa ma ġietx għal kollox eliminata, żgur li ġiet enormement minimizzata.

**44.** Din il-Qorti tosserva li li kieku l-argument tar-rikorrent kellu jkun aċċettat inkunu qed nidħlu f'ċirki vizzjuż, għaliex dan allura japplika anke fir-rigward tal-kwalita' ta' konsulent legali għall-Gvern, li issa messet lill-

Avukat tal-Istat bis-saħħa tal-Kap 603 tal-liġijiet ta' Malta. Dan għas-segwenti raguni:

Artikolu 2(1) ta' dan il-Kap jiddisponi hekk:

*"L-Avukat tal-Istat għandu jkun il-Konsulent Legali Prinċipali tal-Gvern u għandu jkollu r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern fl-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji fejn il-liġi ma tipprovdix li dik ir-rappreżentanza għandha tkun tvesti f'xi persuna jew awtorità oħra."*

**45.** Skont ir-rikorrent dan ifisser, li dak li kien iwettaq l-Avukat Ġenerali fil-qasam ta' kwistjonijiet ta' natura ċivili u oħrajn li ma kienux konnessi mar-rwol tiegħu taħt artikolu 90 tal-Kostituzzjoni tar-reġim l-antik, issa ser jitwettqu mill-Avukat tal-Istat. Fost oħrajn li dan tal-aħħar jagħti pariri, għin fit-tfassil tal-liġijiet, jirrapresenta fi skritturi u atti ġudizzjarji lill-Gvern u atti oħra anċillari.

**46.** Kieku l-istess argumenti li jressaq ir-rikorrent sa fejn jirrigwarda l-kamp penali jagħmel sens, allura dan għandu japplika ukoll fir-rigward tal-Avukat tal-Istat per eżempju f'materji u ċivili. Skont ir-rikorrent, kull persuna parti f'xi kawża **kontra l-uffiċċju tal-Avukat tal-Istat** b'konsegwenza ta' **għemil imwettaq minn dan l-uffiċċju**, għandu jargumenta bl-istess mod bħar-rikorrent. Hekk ukoll għall-fatt li l-Avukat tal-Istat jagħmel l-interventi tiegħu u jipprepara liġijiet u fl-istess ħin jirrapresenta lill-Gvern f'kawżi fejn l-esitu ser ikun deċiż abbażi tal-liġijiet imfassla minnu meta jkun parti għall-proċeduri ġudizzjarji. Kważi kważi bl-argumenti tar-rikorrent tinħema l-

enigma legali ta' x'jiġi l-ewwel jekk hux il-bajda jew it-tiġieġa. Huwa propju għalhekk id-distinzjoni bejn it-test oġġettiv u dak suġġettiv kif aċċennat aktar 'l fuq. B'dan il-mod biss tista' tkun maħlula l-kobba ta' dak li apparentament huwa konflitt Istituzzjonali. Għalhekk il-Qorti ma taqbilx mas-sillogiżmi tal-argumentazzjoni legali tar-rikorrent. Biex jirrikorri ksur, irid ikun ipprovat abbażi tat-test suġġettiv li **minħabba** u **mhux għaliex** hemm rwol doppju u cioe' it-test oġġettiv.

**47.** Għalhekk din il-Qorti taqbel f'dan ir-rigward mas-sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat li r-rikorrent "*imkien ma jispjega **kif fil-kaz tiegħu**, fejn del resto l-Gvern ma għandu ebda interess ta' natura civili, ir-rwol doppju tal-Avukat Ġenerali ikkawża intralċ fid-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq*" (Emfażi ta' din il-Qorti)

**48.** Għalhekk anke dan l-ilment ser ikun miċħud.

*Il-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta*

**49.** Il-Qorti eżaminat b'reqqa kemm l-atti u kif ukoll il-posizzjoni tal-partijiet inkwantu r-rikorrent jinsisti li l-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri għandha tapplika l-artikolu 8 tal-Kap 537, u dan billi tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti ta' Droga u tibgħat l-atti quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

**50.** Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dan l-ilment u tistqarr li waslet għall-konkluzjoni ta' hawn taħt wara ħafna ħsieb. Minn qari tal-atti li għandha quddiemha din il-Qorti jidhrilha li għandhom jinżammu distinti u separati minn xulxin żewġ argumenti għaliex minn wieħed jiddependi l-ieħor. L-ewwel argument huwa dak dwar (1) jekk artikolu 8 tal-Kap 537 tal-liġijiet ta' Malta għall-Qorti tal-Appell Superjuri u t-tieni (2) dwar jekk fl-affermattiv, jirrikorrux l-elementi kollha legali, biex ikunu applikati l-effetti tal-artikolu tal-liġi msemmi, li ma hux dritt awtomatiku, kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel.

**51.** Il-Qorti qrat b'mod akkurat, id-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-3 ta' April 2019 u kif ukoll l-argumenti imressqa mill-Avukat Ġenerali għar-rikors tat-8 ta' Frar 2019. Il-Qorti tara li kemm fid-digriet in kwistjoni u kif ukoll fil-posizzjonijiet li ħadu l-partijiet, dawn iż-żewġ argumenti tqegħdu fl-istess keffa meta ma hux il-każ. Fil-fehma ta' din il-Qorti iż-żewġ argumenti huma għal kollox distinti minn xulxin.

**52.** F'dan l-istadju din il-Qorti tħoss li sabiex l-argumenti taħt eżami jkunu mifhuma jkun utili li d-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali ikun riprodott kollu kemm hu sabiex jinftiehem aħjar dak li ser ikun osservat aktar 'l isfel:

> ***"Il-Qorti,***
>
> ***DIGRIET DWAR TALBA TAL-APPELLANT CHRISTOPHER BARTOLO BIEX DIN IL-QORTI TASSUMI L-FUNZJONI TA' QORTI TA' DROGA.***

*Rat it-talba tal-appellant Christopher Bartolo kif postulata fir-rikors tieghu tat-18 ta' Frar, 2019 li bih talab lil din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u tirreferi lill-appellant quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u dan ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-ligijiet ta' Malta;*

*Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Frar, 2019 li bih ordnat notifika tar-rikors lill-Avukat Generali bi zmien jumejn ghar-risposta;*

*Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Frar 2019 li biha wiegeb li t-talba tar-rikorrent ghandha tkun michud ghar-ragunijiet hemm infraskritti;*

*Rat l-atti processwali;*

*Ikkunsidrat:*

*1. Illi t-talba tar-rikorrenti potenzjalment tirriskontra zewg ostakoli:* ***dik li l-ammont ta' droga in mertu teccedi dak l-ammont ravvizat fil-ligi u li din il-Qorti qua Qorti ta' Appell Kriminali (Sede Superjuri) hija eskluza mill-portata tal-Kapitolu 537;***

*2. Illi ir-rikorrenti qieghed jinvoka l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta li bih qorti tista' tintalab tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti ta' Droga u tibghat l-atti quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga skond liema procedura, f'kaz li l-Bord jiddikjara lill-persuna akkuzata hielsa mid-dipendenza fuq id-droga, l-Qorti ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-esklussjoni tal-applikazjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' prigunerija;*

*3. Illi akkuzat jista' jinvoka dan id-dritt moghti lilu mill-artikolu 8 skond il-parametri ta' dak l-artikolu li jinkludu inter alia li d-droga mertu tal-kawza ma tkunx in eccezz tal-ammonti indikati fil-Linji Gwida fir-Raba' Skeda tal-Kap 101. Fil-kaz odjern d-droga involuta hija*

*Cannabis u l-ammont indikat fil-Linji Gwida tar-Raba' Skeda ghal-dik id-droga huwa ta' anqas minn 300 gramma. L-ammont ta' droga cannabis misjuba fil-pussess tal-appellant u analizzat mill-Ixjenzat Gowdin Sammut (fol 113 et seq atti processwali) huwa ta' 167.52 gramma b'purita' ta' tmienja fil-mija. Gara izda, illi waqt l-interrogatorju, l-appellant kien ammetta li kien jixtri u jbigh droga cannabis fi kwantita' li allura teccedi sew it-300 gramma ndikata fir-Raba' Skeda. Meta tressaq dwar dan kollu, l-appellant kien ametta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, kien dikjarat hati u kkundannat ghal-terminu ta' prigunerija ta' hames snin u ghall-multa ta' hmistax-il elf ewro;*

*4. Minn din is-sentenza l-appellant interpona appell, dak pendenti quddiem din il-Qorti u fil-mori intavola ukoll proceduri ta' natura kostituzzjonali rigwardanti iz-zewg starijiet tieghu li fihom kien stqarr l-involviment tieghu dwar ammonti ta' droga 'l hinn minn dik misjuba fi hwejjgu, il-167 gramma cannabis. Dawk il-proceduri kienu konkluzi b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-5 t'Ottubru, 2018 fl-ismijiet Christopher Bartolo vs Avukat Generali – Rikors 92/16 JPG bis-segwenti decide;*

*Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell tal-intimat, tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, tilqa' l-eccezzjoni tal-intimati in kwantu l-proceduri odjerni huma intempestivi, u tordna, minflok, li biex ma jsehhx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar uzu fil-proceduri kriminali miz-zewg stqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent. (Kopja in atti)*

*5. L-appellant spjega kif dan il-process jinsab fi stadju ta' appell quddiem din il-Qorti wara sejbien ta' htija mill-Qorti Kriminali u din il-Qorti zzid li l-atti juru illi l-appellant kien misjub hati wara ammissjoni minnu registrata;*

*6. L-appellant ghalhekk jikkontendi illi huwa issa ghandu jwiegeb biss dwar il-167 gramma cannabis misjub fi hwejjgu u mhux dwar il-kumplament u b'hekk huwa fil-parametri tar-Raba' Skeda, ergo ukoll f'dawk tal-artikolu 8 al-Kap 537;*

*7. L-appellant jikkontendi ukoll illi bis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mario Zammit [Q. Kost 18.7.2017] id-dritt tieghu li jinvoka il-Kapitolu 537 issa huwa ukoll estiz fi stadju ta' appell;*

*8. Fir-risposta tieghu, l-Avukat Generali josserva illi minkejja l-ordni tal-Qorti Kostituzzjoni sabiex ma jisrx aktar uzu miz-zewg stqarrijiet tal-appellant,* ***l-istess appellant kien xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti, Dr. Josette Demicoli, fl-1 ta' Gunju 2013 u qatt ma talab u wisq anqas ottjena l-isfilz ta' dik id-deposizzjoni guramentata.*** *L-Avukat Generali jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Josianne Azzopardi*** *tal-10 ta' Mejju 2017 li f'kaz simili ordnat li oltre li ma jsirx uzu mill-istqarrija tal-akkuzata ma jsirz ukoll uzu mix-xhieda guramentata moghtija mill-akkuzata quddiem Magistrat Inkwirenti. Ir-rimedju kostituzzjonali li ottjena l-appellant odjern huwa differenti ghaliex huwa qatt ma talab u qatt ma inghata rimedju dwar ix-xhieda minnu moghtija quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Jigi ghalhekk li l-appellant kien ammetta ghal traffikar ta' droga fuq medda ta' zmien dwar ammonti akbar minn dak ta' 167 gramma cannabis;*

*9. Illi in sostenn tal-argument tieghu, l-Avukat Generali ghamel referenza ghas-sentenzi fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Amanda*** *Agius [Q. Kost] 22.2.2013****;*** ***Il-Pulizija vs Tyrone Fenech*** *[Q. Kost] 22.2.2013 u* ***Il-Pulizija vs Renald Baldacchino*** *[Q. Kost] 6.2.2015;*

*10.* ***L-Avukat Generali jopponi ukoll it-talba tar-rikorrent appellant fuq il-premessa illi din il-Qorti ma tistax tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' Droga ghaliex il-Kapitolu 537 ma japplikax***

***ghal din il-Qorti*** *u in rigward jaghmel zewg osservazzjonijiet. Jargumenta illi is-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Mario Zammit*** *(citata supra) kienet dwar it-thaddim tal-Kap 537 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u mhux mill-Qorti Kriminali jew mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) bhal fik kaz odjern. Inoltre, ghalkemm l-artikolu 8(6A) tal-Kap 537 jipprovdi li l-Qorti li tassumi din il-funzjoni tista' tkun dik fi grad tal-appell, is-subinciz (1) tal-istess artikolu jipprekludi l-applikabilita' tal-Kap 537 meta r-reat ikun wiehed dwar droga fi kwantita li jissoggetta lill-akkuzat ghal-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali;*

*Ikkunsidrat:*

*11. Illi kif preventivament indikat, it-talba tar-rikorrenti hija* ***Il-kwistjoni tal-ammont ta' droga involuta hija fil-fatt il-qofol tal-appell pendenti quddiem din il-Qorti rinfaccjata b'dawn iz-zewg ostakoli****. , liema appell huwa limitat ghal piena kominata mill-Qorti Kriminali u fejn l-appellant qed jitlob il-konferma tas-sentenza kwantu s-sejbien ta' htija fuq ammissjoni u r-riforma taghha kwantu l-piena;*

*12. Illi dak il-mertu ghad irid ikun deciz u issa fi hdan, minn naha, l-ordni tal-Qorti Kostituzzjonali sabiex ma jisrx aktar uzu mill-istqarrijiet tal-appellant* ***u minn naha 'l ohra fi hdan l-osservazzjoni tal-Avukat Generali li l-atti processwali jakkludu xhieda guramentata tal-istess appellant quddiem Magistrat Inkwirenti li dwarha ma talab ebda rimedju****;*

*13. Illi ghalhekk l-appellant ma jistax awtomatikament jikkonkludi li ghaliex ma jistax isir uzu mill-istqarrijiet tieghu allura l-kwistjoni tirrizolvi ruhha fuq id-droga fattwalment misjuba fill-pussess tieghu u li hi anqas mill-ammont indikat fil-Linji Gwida. Dak il-mertu ghadu sub judice u tali konkluzzjoni da parti tal-appellant hija ghalhekk intempestiva;*

*14. Dan jorbot ukoll ma' dak li jipprovdi is-subinciz (1) tal-artikolu 8 tal-Kap 537 hawn riprodott in parte:*

***8** (1) Meta l-persuna akkuzata hija mixlija b'reat kontra l-ligijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantita' ta' droga projbita li, irrespettivament mit-tip tad-droga jew mill-purita' ma taqbizs il-kwantita' ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Profesjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha bhala <u>kwantita' ta' droga li tindika li l-persuna akkuzata m'ghandhiex tigi riferita ghal proceduri quddiem il-Qorti Kriminali</u> … [sottolinar tal-Qorti]*

*15. L-ordni tal-Avukat Generali mahrug fit-termini tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 (Dok BCS3 fol 11) kien sabiex l-akkuzat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali u fil-fatt kien processat minn dik l-istess Qorti. Issa jekk id-diskrezzjoni ezercitata mill-Avukat Generali skond il-ligi kif vigenti dak iz-zmien kienitx bazata fuq l-allegat ammont jew le ma taghmel ebda differenza, f'dan l-istadju, la darba l-istess ammont jissupera dak indikat fil-Linji Gwida anke jekk din hija kwistjoni rimessa ghar-rizoluzzjoni b'sentenza ta' din il-Qorti;*

*16. Dwar it-tieni ostakolu rigwardanti l-eskluzzjoni ta' din il-Qorti mill-portata tal-Kapitolu 537, tajjeb li jinghadu kelmtejn dwar l-evoluzzjoni ta' dan il-Kap introdott fis-sistema legali taghna bl-Att I tal-2015. Bil-ligi kif originarjament promulgata, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Infferjuri) kienet diversi drabi rriteniet fid-digrieti taghha illi bhala Qorti ta' Appell hija eskluza milli tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti ta' Droga. Dawk id-decizjonijiet wasslu fil-kulmini taghhom wara referenza kostituzzjonali mill-istess Qorti b'ezitu ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali citata supra* ***Il-Pulizija vs Mario Zammit*** *u sussegwenti bdil fil-ligi bl-Att XXXII tal-2018 bl-inkluzjoni inter alia tas-*

*subartikolu gdid (6A) tal-artikolu 8 li jindika li qorti tista' tkun ukoll qorti fi grad ta' appell;*

*17. Ezaminata s-sentenza Mario Zammit, jemergi dak osservat mill-Avukat Generali, igifieri li Mario Zammit kien misjub hati fuq ammissjoni tieghu stess mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Kien fl-istadju tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) li dik il-Qorti ghamlet referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u meta l-Qorti Kostituzzjonali ddeterminat l-appell minn din tal-ahhar, ikkonkludiet illi n-nuqqas ta' applikabilita' tal-Kapitolu 537 fi stadju ta' appell huwa leziv tad-dritt Konvenzjonali tieghu fl-artikolu 7. Issa, fid-decide taghha, il-Qorti Kostituzzjonali rriteneit illi ladarba bl-intoduzzjoni tal-Att tas-sena 2015, min bhal Mario Zammit kien tressa quddiem il-Qrati Kriminali akkuzat b'reati konnessi mad-droga u l-proceduri ghadhom pendenti, jista' jekk jikkonkorru c-cirkostanzi indikata fl-Artikolu 8 tal-Att, jibbenefika minn trattament u piena anqas, u l-beneficcju li taghti dik il-ligi ghandu japplika retrospettivament favur Mario Zammit;*

*18. Issa meta l-Qorti Kostituzzjonali ghamlet referenza ghall-"Qrati Kriminali", certament ma kienitx qed tirreferi ghall-Qorti Kriminali izda logikament ghall-Qorti tal-Magistrati bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ghaliex dak il-kaz kien jitratta propju wiehed migjub quddiem il-Qorti tal-Magistrati u deciz minnha;*

*19.* ***In konkluzzjoni, jekk l-artikolu 8 (1) jeskludi dawk il-kazijiet li huma soggetti ghall-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali, isegwi li jeskludi ukoll kull kaz migjub quddiem din il-Qorti mill-Qorti Kriminali****.*

*20. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-talba tar-rikorrenti kif postulata fir-rikors tieghu tat-18 ta' Frar, 2019 qed tkun michuda." (Emfazi ta' din il-Qorti)*

**53.** Kif jirrisulta mill-aħħar paragrafu 19 tad-digriet fuq imsemmi, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) waslet għall-konklużjoni li artikolu 8(1) tal-Kap 537 tal-liġijiet ta' Malta jeskludi dawk il-każijiet li jkunu qed jinstemgħu mill-Qorti Kriminali għal quddiemha. Għalhekk qablet ma' dak li semma' l-Avukat Ġenerali f'dan ir-rigward fir-risposta tiegħu. L-argumenti taż-żewġ naħat għal dawn il-proċeduri jinbtu mir-referenza kostituzzjonali li saru fil-kawża fl-ismijiet il-**Pulizija -vs- Mario Zammit** li b'konsegwenza tagħha sar tibdil fil-liġi permezz ta' Att XXXII tal-2018 li b'artikolu 6A ipprovdiet ir-rimedju taħt artikolu 8 anke fi stat ta' Appell.

**54.** L-argument tal-Avukat Ġenerali li miegħu qablet il-Qorti fid-digriet fuq imsemmi huwa wieħed faċli:

Fil-każ ta' Mario Zammit il-Qorti li ddeċidiet il-Kawża kienet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Sar appell quddiem il-Qorti Kriminali (Sede Inferjuri) fejn tqanqlet il-kwistjoni kostituzzjonali imsemmija. Il-Qorti kostituzzjonali fis-Sentenza taghha tat-18 ta' Lulju 2017 iddeċidiet hekk:

*"Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell u tirrispondi ghar-referenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali billi tiddikjara li n-nuqqas tal-applikazzjoni fil-konfront ta' Mario Zammit tal-Artikolu 8 tal-Att numru 1 tas-sena 2005 f'dan*

*l-istadju ta' appell jkun leziv tad-dritt tieghu sancit bl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni".*

**55.** L-Avukat Ġenerali f'dawn il-proċeduri jargumenta, illi l-kawża ta' Mario Zammit kienet quddiem l-Appell Kriminali (Inferjuri) mentri dak tar-rikorrent f'din il-Kawża, tajjeb jew ħażin, jirrigwarda appell li jinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), ergo artikolu 8 tal-Kap 537 jeskludi lil din il-Qorti. Il-Qorti tfakkar li fil-każ tar-rikorrent l-ordni tal-Avukat Ġenerali maħrug fit-termini tal-artikoli 22(2B) tal-Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta (Dok BCS3 fol 11 tal-proċess kriminali) kien, sabiex l-akkużat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali u kwindi. Fid-digriet tagħha l-Qorti tal-Appell Kriminali irraġunat li

"*meta l-Qorti Kostituzzjonali ghamlet referenza ghall-"Qrati Kriminali", certament ma kienitx qed tirreferi ghall-Qorti Kriminali izda logikament ghall-Qorti tal-Magistrati bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ghaliex dak il-kaz kien jitratta propju wiehed migjub quddiem il-Qorti tal-Magistrati u deciz minnha*".

**56.** Minn naħa tieghu ir-rikorrent f'din il-kawża jargumenta, illi żgur mhux l-ispirtu tal-Kap 537 li persuna li tkun qed twieġeb għall-akkużi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati biss għandu jingħata l-benefiċċju tal-liġi artikolu 8 meta jkun qed jintalab quddiem Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) mis-sentenza ta' dik il-Qorti. Jinsisti li dan għandu japplika anke quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri).

**57.** Huwa minnu li f'ċirkostanzi bħal dawn, il-Qrati tagħna jirrikorru dejjem għal Sentenzi lokali jew dawk tal-Qorti Ewropeja. Sa fejn jirrigwarda s-sens ta' dak li hu fier f'sens legali (*fairness*) u l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, li fihom jinkorporaw iż-żewg pilastri legali li fuqhom huma kostruwiti kemm l-artikolu 39 tal-Kostitiuzzjoni u kif ukoll artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qrati Ingliżi żviluppaw duttrina estentiva matul iż-żmien. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ din il-Qorti tħoss li għandha tagħmel referenza għal bran ta' interess f'Sentenza Ingliza.

Fil-Każ ta' **Wiseman -vs- Boardman [1971] AC 297** intqal hekk:

"*For a long time the Courts have, without objection from parliament, supplemented procedure laid down in legislation where they have found that to be necessary for this purpose. But before this unusual kind of power to be exercised it must be clear that* ***the statutory procedure is insufficient to achieve justice and that to require additional steps would frustrate the apparent purpose of the legislation***". (Emfażi ta' din il-Qorti).

**58.** Konformament ma' dan it-tagħlim, fil-Kawża ta' Mario Zammit għal **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights** fejn il-ġurista Karen Reid issostni, fost affarijiet oħra, illi d-dritt ta' smigħ xieraq ma jiggarantix biss il-korrettezza tas-sentenzi in mertu iżda anke l-aderenza ma' ċerti prinċipji proċedurali li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

**59.** Il-Qorti taqbel mar-rikorrent fir-rigward ta' dan l-ilment. Huwa minnu li l-ilment ta' Mario Zammit kien jirrigwarda kwistjoni li tqanqlet quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri). Huwa minnu ukoll, li l-Qorti Kostituzzjonali irreferiet għall-Qorti tal-Appell Kriminali u ma hemm ebda dubbju li r-referenza kienet għal dak inferjuri, għax dak kellha quddiemha dik il-Qorti. Iżda b'dana kollu, din il-Qorti hija konvinta, li li kieku l-każ kien jirrigwarda Appell quddiem dik Superjuri, żgur li l-eżitu ma kienx ikun differenti. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx raġunijiet daqstant svarjati minn ottika legali għala r-rimedju li ngħata lil Mario Zammit ma għandux jingħata lir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri). Il-kompetenza taż-żewġ Qrati ma tbiddel xejn mir-raġunament tal-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Mario Zammit.

**60.** Il-Qorti għandha osservazzjoni oħra x'tagħmel. Kemm il-Qorti tal-Appell fid-digriet tagħha tat-3 ta' April 2019 u anke fis-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali, inkwantu s-Sentenza Kostituzzjonali fl-ismijiet Christopher Bartolo -vs- Avukat Ġenerali tal-5 ta' Ottubru 2018, jinsistu li biha tħassru biss l-istqarrijiet iżda mhux l-ammissjoni ġuramentata tar-rikorrent quddiem il-Maġistrat Inkwerenti Dr. Josette Demicoli fl-14 ta' Mejju 2013. Di fatti il-Qorti Kostituzzjonali iddeċidiet hekk:

"*Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell tal-intimat, tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, tilqa' l-eccezzjoni tal-intimati in kwantu l-proceduri odjerni huma intempestivi, u tordna, minflok, li biex ma jsehhx ksur tad-*

*drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar uzu fil-proceduri kriminali* ***miz-zewg stqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent****. (Kopja in atti)". (Enfażi tal-Qorti).*

**61.** F'dan ir-rigward l-Avukat Ġenerali jargumenta li dan ifisser li l-ammissjoni quddiem il-Maġistrat fuq imsemmija baqgħet intatta. Għalhekk kull kunsiderazzjoni ai fini tal-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta inkwantu b'tali ammissjoni l-ammont ta' droga misjuba fir-residenza tar-rikorrent teċċedi dik li jippermetti tali artikolu sabiex dak li jkun jibbenifika bil-mod kif qed jitlob ir-rikorrent. Fid-digriet tagħha l-Qorti tal-Appell Kriminali qablet ma' dan ir-ragunament.

**62.** Din il-Qorti ma hux ser tidhol fil-mertu jekk ir-rikorrent jistħoqqlux jibbenefika minn artikolu 8 għaliex din kwistjoni li għad trid taraha l-Qorti u dan kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel iżda jrid ikun osservat is-segwenti. **L-ammissjoni imsemmija saret fl-14 ta' Mejju 2013. Il-liġi li waslet għat-tibdil permezz ta' artikolu 6A tal-Kap 537 daħlet fis-seħħ fil-15 ta' April 2015.** Dan ifisser li fil-mument tal-ammissjoni quddiem il-Magistrat, ir-rikorrent ma setax ikun jaf b'din il-liġi u dik l-opzjoni ma kienitx tesisti.

F'dan ir-rigward fil-każ ta' Mario Zammit il-Qorti Kostituzzjonali osservat is-segwenti:

*"Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, minkejja li t-termini tarreferenza huma cirkoskritti ghad-dritt ta' smigh xieraq, iddeterminazzjoni ta' din il-vertenza tinnecissità li tigi ezaminata l-pozizzjoni legali ta' Mario Zammit fl-ambitu wkoll tad-dritt fundamentali protett bl-artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Dan qed*

*jinghad fid-dawl tal-fatt li Mario Zammit kien ammetta ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu fis-sena 2004 u ghalhekk ferm qabel ma dahal l-Att fis-sena 2015.* ***Ghalhekk, meta hu ddecieda li jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, bl-isperanza li l-qorti takkordalu l-minimu tal-piena, huwa ma setax kien jaf li pendenti l-proceduri ser tigi promulgata ligi li tiffavorixxi l-pozizzjoni ta' min kien akkuzat bhalu b'reati konnessi mad-droga****".* (Enfażi tal-Qorti).

**63.** Dik il-Qorti applikat il-prinċipju ennunċjat taħt artikolu 8 retrospettivament b'mod konsonanti mal-prinċipju enunċjat f'artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Huwa ukoll interessanti, li għalkemm ir-referenza saret biex ikun konstatat jekk kienx hemm ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti Kostituzzjonali ħasset li *de marte propio* tikkunsidra jekk kienx hemm ksur taħt artikolu 7 anke jekk ma kienx hemm ksur tal-artikolu 6. Din is-sentenza tibgħat messaġġ ċar, li fil-kamp ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem il-Qrati ma għandhomx jikkonsidraw lilhom infushom lebsin ġakketta ta' forza u sigurta li ma jistgħux joħorġu minnha.

**64.** Infatti skont **Guide on Article 7 of the European Convention on Human Rights No punishment without law: the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty Updated on 30 April 2021** jingħad hekk

*"In order to establish to whether, for the purposes of Article 7, a law passed after an offence has allegedly been committed is more or less favourable*

*to the accused than the law that was in force at the time of the alleged commission of the offence, regard must be had to the specific circumstances of the case (the principle of concretisation, as opposed to comparing the definitions of the offence in abstracto). If the subsequent law is more severe than the law that was in force at the time of the alleged commission of the offence, it may not be applied".*

**65.** Aktar minn hekk il-Qorti hija tal-fehma li d-diskrezzjoni li għandu l-Avukat Ġenerali taħt artikolu 22(2A) tal-Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta hija ukoll fattur determinanti fir-rigward ta' dan l-ilment. Il-Qorti tfakkar, li fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni l-akkużat ma għandu ebda parteċipazzjoni. Għalhekk, jekk jirbaħ l-argument tal-Avukat Ġenerali, tista' tinħoloq sitwazzjoni fejn b'konsegwenza tal-użu tagħha, persuna tista' tkun imċaħħda milli tirrikorri għall-benefiċċji li joffri l-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti ma hiex tesprimi lilha nnifisha dwar dan il-poter li għandu l-Avukat Ġenerali, iżda żgur, li huwa argument favur li tali benefiċċju għandu jkun disponibbli għal akkużat anke quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

**66.** Għalhekk din il-Qorti ma tarax għalfejn ma għandhiex tapplika l-istess raġjunament fil-każ tar-rikorrent bl-istess mod li l-prinċipju kien applikat fil-każ ta' Mario Zammit. Għalhekk sa fejn artikolu 7 tal-Konvenzjoni din il-Qorti tirriskontra ksur ta' dan l-artikolu.

**67.** Il-Qorti tħoss li ġaladarba r-rikorrent għandu dritt li jitlob il-beneficċju taħt artikolu 8 tal-Kap 537 tal-liġijiet ta' Malta, huwa diffiċli ħafna, li ma ssibx ukoll ksur tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u artikolu 6(1) minħabba ksur ta' smiegħ xieraq . Dan qed jinghad minħabba mankata opportunita' li jingħata piena anqas severa. Id-dritt ta' smiegħ xieraq ma huwa xejn xieraq jekk dak li jixraq lill-akkużat skont il-liġi jiġi imċaħħad minnu. Id-dritt ta' smiegħ xieraq irid ikun kunsidrat fil-milja kollha tiegħu u mhux fl-għamla skeletali. Dritt imċaħħad huwa nuqqas ta' smiegħ xieraq.

**68.** Fl-aħħar nett il-Qorti tagħmilha ċara, li jekk l-akkużat għandux ikun konċess il-beneficċju taħt artikolu 8 tal-liġi inkwistjoni ma hux kompitu tal-Qorti. Kull ma qed ikun deċiż hu jekk għandux dritt jitlob dan ir-rimedju. Jekk jissodisfax il-kriterji taħt dik il-liġi hija kwistjoni li trid tiġi deċiza minn dik il-Qorti adita għaldaqshekk, li f'dan il-Każ hija il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri). Kwistjonijiet kollatorali dwar l-ammonti ta' droga biex ikun stabbilit jekk għandux jiġi applikat l-artikolu 8, tispetta lill-Qorti tal-Appell. Kien għalhekk li din il-Qorti fil-bidu li bdiet tittratta dan l-ilment saħqet li dawn huma żewġ punti distinti u separati.

**69.** Tajjeb ukoll li jingħad li l-otteniment ta' beneficċji li jagħti artikolu 8 ma hux wieħed awtomatiku. Di fatti dan l-istess artikolu jistabilixxi li "*il-**Qorti tista'**, wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga*" (emfazi tal-Qorti).

**70.** Għalhekk sa fejn jirrigwarda dan l-ilment il-Qorti ser tkun qed tilqgħu peress minħabba dak li intqal aktar 'l fuq ġew lezi d-rittijiet fundamentali tar-rikorrent kif imħarsa minn artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u ta' Artikoli 6(1) u 7 tal-konvenzjoni.

*L-istqarrija guramentata*

**71.** Ir-rikorrent jargumenta, li meta kkonferma bil-ġurament żewg stqarrijiet rispettivament datati 31 ta' Mejju 2013 u l-1 ta' Ġunju 2013 quddiem il-Maġistrat Josette Demicoli bħala Maġistrat Inkwirenti, it-tnejn rilaxxjati fl-għassa tar-Rabat Għawdex, għandhom ikunu skartati. Jgħid ukoll li fi żmien meta ttieħdulu dawn l-istqarrijiet, il-liġi ma kienetx tipprovdi l-ebda gwida fir-rigward. Skont artikolu 24A(12) tal-Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta u artikolu 554 tal-Kodiċi Kriminali, il-Maġistrat għandu l-istess poter ta' Qorti Istruttorja.

**72.** L-Avukat Ġenerali għid sewwa li s-Sentenzi tal-Qorti Ewropeja, li l-fatt waħdu li l-persuna li tkun rilaxxjat stqarrija mingħajr ma kkonsultat jew kellha l-avukat magħha għall-interrogatorju ma jġibx miegħu l-effetti li dik l-istqarrija hija difettuża. Huwa minnu li fil-kawża Beuze -vs- il-Belġju, ġie osservat li jrid jittieħed qies tal-proċess fl-intier tiegħu.

**73.** Il-Qorti tiddistingwi bejn każ u każ. Altru għandek persuna li ħlief għall-istqarrija li rrilaxxja ma jkun hemm xejn li jorbtu mar-rejat, u altru meta ikun jidher prima facie jkun hemm biżżejjed provi ċirkostanzjali li mingħajr

jew bi stqarrija ta' ammissjoni ikun jidher li bil-probabbalitijiet kollha l-eżitu ser ikun l-istess. Pero' meta l-uniku prova tkun stqarrija biss li tikkulmina f'ammissjoni u li tkun ittieħdet mingħajr l-assistenza ta' avukat, f'din iċ-ċirkostanza għandha tkun eżaminata b'aktar reqqa. Wara kollox kif jissottometti l-istess Avukat Ġenerali *confessus pro indicato est, qui quodammolo sua sententiae* jiġifieri min jammetti l-ħtija tiegħu quddiem Qorti, huwa stess ikun qiegħed jikkundanna lilu nnifsu u fl-istess waqt jiddetta s-sentenza tiegħu.

**74.** Daqshekk huwa importanti li stqarrija tittieħed bil-garanziji kollha li jħarsu d-drittijiet ta' min ikun qiegħed jirrilaxxja għaliex l-ammissjoni hija wara kollox ir-regina tal-provi. Di fatti Karen Reid fil-ktieb '**A practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights' (Tielet Edizzjoni) f'paġna 70**: "*While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall*." Iġifieri, prova waħda ottenuta kontra l-liġi, tista' waħedha tikkontamina l-proċess kollu.

**75.** Il-konferma bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Josette Demicoli saret mill-akkużat waħda l-jum ta' qabel u l-oħra fl-istess ġurnata li ġiet presentata formalment u cioe' fl-1 ta' Ġunju 2013. Fl-1 ta' Ġunju 2013 kien assistit minn avukat quddiem il-Maġistrat. Għalhekk quddiem il-Maġistrat Istruttorju kellu l-assistenza ta' avukat. Pero' li jrid jitqies meta kien hemm bżonn din l-assistenza skont il-liġi. Kieku l-avukat li assistih tah parir sabiex

ma jikkonfermax bil-ġurament dawk l-istqarrijiet, dawn xorta kienu ser jibqgħu fl-atti. Minn naħa l-oħra li kieku din l-assistenza u aċċess għall-avukat ingħatalu qabel kien ikollu l-għażla infurmata x'għandu jagħmel. F'dan il-każ mingħajr dubbju ikunu ġew sodisfatti r-rekwiżiti tal-liġi.

**76.** Dwar din is-sitwazzjoni kien hemm evoluzzjoni ta' lista twila ta' Sentenzi, kemm lokali u kif ukoll Ewropej. Il-Każ li l-aktar daħal f'dan l-aspett tal-liġi huwa dak tal-**Qorti Ewropea fl-ismijiet Borg v Malta tat-12 ta' Jannar 2016**. F'dan il-każ il-Qorti Ewropeja approfondit il-materja u fost oħrajn kellha dan xi tgħid:

"*Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial*

*of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55)".*

**77.** Dan kollu huwa raġjunament validu ħafna, iżda l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti huwa xi ftit differenti. Il-Qorti tosserva li l-Maġistrat inkwirenti kull ma għamlet kien li qrat ***verbatim*** iż-żewġ stqarrijiet li kien għadu kemm irrilaxxja lill-Pulizija ftit tas-siegħat qabel ir-rikorrent. Il-Maġistrat ma għamlet ebda mistoqsijiet oħra li ma kienitx fl-istqarrijiet imsemmija. Il-Maġistrat imxiet konformament mal-liġi .

Artikolu 24A(12) tal-Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

"*Waqt li tkun qed issir investigazzjoni ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-Pulizija Esekuttiva tista' titlob lil maġistrat* ***biex jisma' bil-ġurament*** *lil kull persuna li hija taħseb li għandhainformazzjoni dwar dak ir-reat; u l-maġistrat għandu minnufihjisma' lil dik il-persuna bil-ġurament*". (Emfażi tal-Qorti).

**78.** Dan ifisser li l-Maġistrat ma hux meħtieġ li jiġbor il-provi għaliex sa dak l-istadju jkunu diġa' inġabru mill-Pulizija. Fost dawn kien hemm iż-żewġ stqarrijiet. Fi ftit kliem, ma sarux stqarrijiet ġodda, iżda kien hemm biss konferma bil-ġurament ta' dawk li diġa' saru. Li kieku r-rikorrent għazel li

ma jagħmilx dik il-konferma bil-ġurament, l-istqarrijiet kien jibqalhom il-valur probatarju ta' xorta oħra.

**79.** Il-Qorti qed tipprova tirrinkonċilja l-fatt, fid-dawl ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018. Dik il-Qorti ordnat, li biex ma jseħħx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar użu fil-proċeduri kriminali miż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent. Fid-dawl ta' din l-ordni, din il-Qorti ma tistax tifhem b'liema tiġbid tal-immaginazzjoni tista' tasal għall-konklużjoni li l-konferma bil-ġurament ta' dawk l-istqarrijiet quddiem il-Maġistrat ma għandhomx ukoll ikunu mwarrbin. Kważi kwazi dan għandu xebħ mal-każ fejn dokument oriġinali jitwarrab iżda mhux il-kopja tiegħu. Il-konferma bil-ġurament hija unikament imsejsa fuq l-istqarrijiet u kwalunkwe ammissjoni kienet ukoll b'konsegwenza tal-istess.

**80.** Għalhekk anke f'dan ir-rigward, din il-Qorti ssib li ġew leżi l-artikolu 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament.

*<u>Diskriminazzjoni vis-à-vis il-proċeduri Kostituzzjonali Brian Vella -vs-Avukat Ġenerali.</u>*

**81.** Il-Qorti tibda biex tiċċara żewġ punti.

**82.** L-ewwel punt: li dan l-ilment ser ikun meqjus independentement minn kull konsiderazzjoni oħra ħlief dawk legali. L-emfażi esaġerata tar-rikorrent, fuq il-fatt, li l-Qorti Kostituzzjonali fiż-żewġ Sentenzi, kemm ta'

Brian Vella u dik tiegħu, kienet komposta mill-istess Imħallfin mhux ser tinfluwenza lil din il-Qorti.

**83.** Il-kwistjoni legali li trid tkun eżaminata hija waħda: jekk hux minnu li l-Qorti Kostituzzjonali lledit id-drittijiet tar-rikorrent għar-raġunijiet minnu imsemmija fir-rikors. Is-Sentenzi setgħu ngħataw mill-Qorti Kostituzzjonali f'kull waħda differentement komposta. Mhux daqstant importanti min kienu l-Imħallfin li kkomponewha, daqs kemm hija importanti s-sustanza tal-argumenti legali li qed iressaq ir-rikorrent.

**84.** It-tieni punt: Din il-Qorti trid tagħmilha ċara, li meta tkun adita fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha ma teżerċitax poteri daqs li kieku kienet it-tieni Qorti ta' Appell. **Din ma hiex Qorti ta' reviżjoni**.

**85.** Għalhekk, ħadd ma għandu jitlaq jiġri bl-ideja li dawn ix-xorta ta' kawżi jistgħu jservu bħala mezz biex jgħaddu mit-tieqa t-tieni appell. Ma hux il-ħsieb ta' din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament ta' Sentenzi tal-Qorti tal-Appell, kemm jekk Ċivili jew kriminali, ħlief f'dawk is-sitwazzjonijiet **ristrettissimi** fejn tassew ikun riskontrat ksur li jemerġi minn Sentenza ta' xi dritt imħares mill-Kostituzzjoni.

**86.** Hija ħasra pero', li s-sistema ta' liġi tagħna ma tipprovdiex il-mezz ta' ritrattazzjoni fil-kamp kriminali bħal ma tagħmel f'dak Ċivili. Kieku f'sistema ta' ritrattazzjoni punti ta' liġi li tassew jistħoqqlu jkun ritrattati jevitaw l-introduzzjoni ta' kawżi Kostituzzjonali inutli. Di piu' sistema bħal din tagħti

l-opportunita għat-trattazzjoni meritata ta' xi punt tal-liġi, li mhux neċessarjment ikun jammonta għal xi ksur ta' dritt ta' natura Kostituzzjonali.

**87.** Din il-Qorti kif presjeduta diġa' kellha opportunita' tesprimi lilha nnifisha dwar din sitwazzjoni, jekk mhux simili, żgur komparabbli, ma' dik li qed titqanqal mir-rikorrent f'dan l-ilment (Ara **Deċiżjoni tal-Prim Awla [Ssede Kostituzzjonali] tat-30 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet Elton Gregory Dsane -vs- Avukat tal-Istat** ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali salv għall-varjazzjoni fir-rimedju, **b'Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-istess ismijiet tal-24 ta' Awwissu 2020**).

**88.** Din is-Sentenza trattat, aktar milli konfliġġenza ta' Sentenzi, l-inkongruwita' ta' pieni inflitti minn żewġ Qrati f'żewġ kawżi fil-każ ta' żewġ persuni b'fatti simili. Fil-każ odjern il-fatti ma humiex simili, iżda ċ-ċirkostanzi ċertament li huma.

**89.** Dwar il-mertu ta' dan l-ilment, il-Qorti tibda biex tosserva li fis-Sentenza tal-**Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta' Diċembru 2018 fl-ismijiet Brian Vella -vs- Avukat Ġenerali et**, il-kawża ta' Christopher Bartolo tissemma' mhux wisq mill-Qorti Kostituzzjonali nnifisha, iżda fil-parti l-kbira b'referenza għal dak li qalet l-Ewwel Qorti u x'qalu l-partijiet. Għalkemm ma jistax ikun eskluż li l-fatti specie ta' Christopher Bartolo setgħu kellhom influwenza fuq id-deċiżjoni, huwa fatt ukoll, li fil-**konsiderazzjonijiet tal-Qorti** nnifisha ma hemm ebda referenza għal dan.

**90.** Dak li wassal lill-Qorti Kostituzzjonali tiddeċiedi bil-mod kif iddeċidiet, inkwantu si trattava appell mill-piena, jemerġi ċar mill-paragrafu 25 ta' dik is-Sentenza fejn intqal hekk:

"*Peress illi l-appell tal-attur quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali huwa biss mill-piena* [bħal ma hu tar-rikorrent f'dawn il-proceduri. Kumment ta' din il-Qorti] *ir-rimedju li aktar huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi hu illi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati titħassar u l-proċess kollu jibda mill-ġdid wara li titneħħa mill-inkartament l-istqarrija tal-attur u kull referenza għaliha.* ***Jekk huwa minn dak li jgħid il-konvenut illi hemm provi oħra tal-ħtija tal-attur, indipendenti mill-istqarrija, għax inqabad in flagrante, dan ma huwiex ta' ostakolu għat-tħassir tas-sentenza; anzi, huwa fl-interess tal-ġustizzja li jsir hekk biex is-sejbien ta' ħtija jew nuqqas ta' ħtija tal-attur ikun imsejjes fuq provi li b'ebda mod ma jkunu mtebbgħin bl-illegalità tat-teħid tal-istqarrija u ta' ammissjoni li possibilment setgħet kienet kondizzjonata b'dik l-istqarrija****".* (Emfażi tal-Qorti).

**91.** Sabiex dan l-ilment ikun aħjar apprezzat, il-kronoloġija tas-Sentenzi imsemmija għandha ċertu importanza.

**92.** L-ewwel ma ingħatat kienet is-Sentenza tal-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) presjeduta mill-Imħallef Jacqueline Padovani Grima fil-każ ta' Christopher Bartolo datata **23 ta' Novembru 2017**. B'dik is-Sentenza, ngħata in grosso modo, ir-rimedju li r-rikorrent f'din il-Kawża qiegħed ifittex li jottjeni.

**93.** Fl-**14 ta' Frar 2018**, ingħatat is-Sentenza tal-Prim Awla ta' Brian Vella presjeduta mill-Imħallef Mark Chetcuti. Huwa important li jingħad, li meta ingħatat din is-Sentenza, l-Appell mill-Avukat Ġenerali mis-Sentenza ta' Christopher Bartolo, kien għadu pendenti.

**94.** Fil-**5 ta' Ottubru 2018** ingħatat is-Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Christopher Bartolo. Is-Sentenza tal-Prim Istanza tal-Imħallef Jacquline Padovani Grima, ġiet varjata u minflok, ingħata rimedju li r-rikorrent qiegħed jattakka b'dawn il-proċeduri u li qed ikun trattat f'din il-parti ta' din is-Sentenza. Fl-**14 ta' Frar 2018**, ingħatat is-Sentenza ta' Brian Vella. Għal kuntrarju ta' dak li ġara f'tar-rikorrent, ir-rimedju ukoll ġie varjat, imma din id-darba għal wieħed, li skont ir-rikorrent messu ingħata lilu ukoll, kif fil-fatt hekk kien ingħatalu bis-Sentenza tal-Imħallef Jacqueline Padovani Grima.

**95.** Ma hemm ebda dubbju li meta ngħatat is-Sentenza ta' Brian Vella, il-Qorti tal-Prim Awla kienet diġa' konsapevoli bir-rimedju li kien ottjena Christopher Bartolo, għalkemm dik is-Sentenza kienet taħt appell. Di fatti f'passaġġ tas-Sentenza ta' Brian Vella dik il-Qorti qalet hekk:

"*Kwantu għar-referenza li saret għas-sentenza Bartolo v. Avukat Ġenerali deċiża fit-23 ta' Novembru 2017, dina l-kawża ġiet appellata u għadha pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Inoltre l-fatti f'dak il-każ mhumiex l-istess bħal dan il-każ.* ***Fil-każ ta' Bartolo dan kien qed ibati minn kondizzjoni medika serja u terminali meta ttieħdet l-istqarrija. F'dan il-***

***każ ir-rikorrent kien f'qagħda ta' saħħa tajba, u kien imgħaġġel biex jeħles mill-aktar fis possibbli biex imur jieħu d-droga."*** (Emfażi ta' din il-Qorti).

**96.** Minn dan il-bran wieħed jista' jiddeduċi, li ma kienx għall fatt li Brian Vella kien f'saħħtu, l-eżitu f'dik il-kawża seta' kien mod ieħor u x'aktarx kien ikun simili għal dak li ottjena Christopher Bartolo fis-Sentenza tiegħu tal-Prim Awla. Ir-rimedju li tat dik is-Sentenza kien il-kawża tal-Appell ta' Brian Vella lill-Qorti Kostituzzjonali. Din l-aħħar varjat ir-rimedju għal wieħed favorevoli għall-aħħar għal Brian Vella, indipendentement mill-istat ta' saħħa tiegħu.

**97.** Jirrisulta li f'ċirkostanzi simili għall-aħħar għal dawk ta' Brian Vella, fil-każ ta' Christopher Vella, il-Qorti Kostituzzjonali, minflok ikkonfermat ir-rimedju li akkordatlu milll-ewwel Sentenza, għamlet bil-maqlub. Jidher li r-raġjunament li wassal lil din il-Qorti taħsibha mod ieħor jinsab f'paragrafi 27 sa 28 tas-Sentenza. Għall-aħjar apprezzament qed ikun riprodott dan li ġej:

*"27. Fir-rigward tat-tezi tar-rikorrenti li l-kontenut tal-istqarrijiet, skont hu mehuda in vjolazzjoni tad-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrent, kellu effett fuq l-ammissjonijiet tieghu quddiem il-qrati kriminali u stante li f'dak iz-zmien skont hu,* ***huwa kien fi stat ta' vulnerabbilita`*** *huwa ma kellux ghazla hlief li jammetti, din it-tezi giet sostnuta mill-ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata tghid:*

*“Meta wiehed iqis x’ kienet l-ghazla li kellu quddiemu r-rikorrent, f’mument fejn kien kompletament vulnerbbli ghall-poter tal-Istat waqt li kien qed jissielet ma’ kondizzjoni medika severa u terminali, huwa facli jifhem il-ghaliex ghazel li jammetti l-akkuzi migjuba kontra tieghu.* **Il-Qorti zgur ma tistax tqis illi dan it-tip ta’ Hobson’s choice jista’ jsarraf f’ghazla libera ghar-rikorrent sabiex ammetta l-akkuzi kontra tieghu***.”*

*28. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma’ din it-tezi li fil-fehma taghha hija fattwalment u legalment insostenibbli, anke jekk jigi kkonsidrat li huwa minnu li qabel ma ttiehdet l-ewwel stqarrija huwa kien ghadu gej mill-isptar fejn kien qed jiehu trattament mediku u anke jekk l-istqarrijiet jitiqiesu bhala vjolattivi tal-artikolu konvenzjonali fuq citat, dan il-fatt ma jistax idghajjef l-effetti legali tal-ammissjonijiet quddiem il-qrati kriminali meta allura r-rikorrent kien legalment assistit matul dawk il-proceduri. Fil-fehma ta’ din il-Qorti jirrizuta car li* ***l-ghazla tar-rikorrent li jammetti ghall-akkuzi kienet ittiehdet meta kien legalment assistit u meta wkoll il-qorti kienet tatu zmien sabiex jahsibha sewwa****, fatt li jindika li dik il-qorti kienet qed taghtih l-opportunita` li jirtira l-ammissjoni tieghu; izda ir-rikorrent baqa’ jinsisti fuq l-ammissjoni tieghu, ovvjament bi skop li jottjeni mitigazzjoni tal-piena.*

*Dawn il-konsiderazzjonijiet huma sorretti ukoll mill-fatt li, meta r-rikorrent kien deher quddiem il-Qorti tal-Magisrati,* ***huwa naqas milli jattakka l-validita` tal-istqarrijiet maghmula minnu u kkonfermati minnu bil-gurament quddiem il-magistrat inkwirenti****. Li kieku r-rikorrent verament hass li l-istqarrijiet ittiehdu b’lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu, kien*

*mistenni li mill-bidu tal-proceduri kriminali meta allura kien legalment assistit, huwa jew jattakka l-validita` tal-istqarrijiet bi proceduri kostituzzjonali jew ma jammettix ghall-akkuzi, izda huwa ghazel it-triq li jammetti, u ma hemm xejn li jsostni t-tezi tieghu li l-ghazla li jammetti ma kinitx wahda libera. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti tqis bhala gratuwita u mhux sorretta mill-provi l-osservazzjoni tal-ewwel qorti li l-ghazla li r-rikorrent jammetti saret meta huwa kien "kompletament vulnerabbli ghall-poter tal-Istat", anzi din tinsab kontradetta mill-fatt pacifiku li matul il-proceduri kriminali u allura meta ammetta ghall-akkuzi ghal diversi drabi huwa kien dejjem assistit minn avukat."* (Emfażi tal-Qorti).

**98.** F'dan l-istadju hemm osservazzjoni fina li trid issir. Trid tinżamm distinzjoni ċara bejn, dak li qalet il-Qorti kieku ma kienx hemm il-każ ta' Brian Vella u l-fatt li kien hemm dan il-Każ. Fl-ewwel każ dak li intqal seta' kien validissimu minn ottika prettament ta' liġi kriminali. Iżda t-tieni każ jippresenta problematika ta' natura għal kollox differenti ta' indole Kostituzzjonali. Fit-tieni każ, indipendentement mill-prinċipji mhux adulterati b'konsiderazzjonijiet oħrajn fil-kamp kriminali, l-argument huwa wieħed intrinsikament Kostituzzjonali.

**99.** Fi ftit kliem, li ma kienx hemm is-Sentenza ta' Brian Vella u jekk niġu f'dan anke ta' Mario Zammit, ir-raġunament tal-Qorti seta' jagħmel ħafna sens quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Imma dak li għandha quddiemha din il-Qorti huwa t-tieni każ. F'dan il-każ din il-Qorti ma hiex tagħmilha

bħala Qorti ta' reviżjoni, u għalhekk l-aċċenn li sar aktar 'l fuq f'dan ir-rigward.

**100.** F'dan il-Każ, din il-Qorti ġiet adita fil-kompetenza kostituzzjonali bħala li għandha ġurisdizzjoni oriġinali skond artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Kawżi fejn Sentenzi ġew dikjarati li jiksru d-drittijiet tal-Bniedem kien hemm u għad ikun hemm. Bħal ma partijiet tal-Kostituzzjoni stess jistgħu jilledu d-drittijiet taħt Kap 4 tal-Kostituzzjoni, hekk ukoll Sentenzi ta' dawn il-Qrati.

**101.** Imiss li jkun ikkunsidrat jekk Christopher Bartolo, kienx **fl-istess posizzjoni** ta' Brian Vella u ġiex għalhekk trattat b'mod differenzjali fit-terminu ta' artikolu 14 abbinat mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Sabiex ikun stabbilit jekk kienx fl-istess posizzjoni, ma jfissirx li l-fatti għandhom ikunu identiċi, bħal fil-każ ta' Gregory Dsane (supra), iżda huwa biżżejjed li jkun hemm somiljanza fiċ-ċirkostanzi mingħajr il-ħtieġa li jkunu bil-fors perfettament identiċi fattwalment.

**102.** Fir-risposta tiegħu l-Avukat tal-Istat iwieġeb li r-rikorrent jilmenta dwar diskriminazzjoni dwar ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni iżda imkien ma jispeċifika ma' liema artikolu tal-konvenzjoni qed jabbinah. Dan qiegħed jingħad fid-dawl, li dan l-artikolu partikulari ma hux maħsub li jkollu esistenza indipendenti daqs li kieku kien dritt fih innifsu, bħal ma huwa tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

**103.** Jingħad li "*The application of Article 14 – read in conjunction with a substantive provision – does not necessarily presuppose the violation of*

*one of the substantive rights guaranteed by the Convention and to this extent it is autonomous"* (ara **Sidabras and Dziautas -vs- Lithuania, 2004, § 38 u Carson** and **Others v. the United Kingdom [GC], 2010, § 63; E.B. -vs- France [GC], 2008, § 47**).

**104.** Dan l-artikolu dejjem presenta numru ta' problemi ta' natura kemm sostanzjali u kif ukoll proċedurali. Din il-Qorti dejjem ħassitha xi ftit perplessa dwar dan l-artikolu fil-kuntest partikolari ta' pajjiżna, fid-dawl ta' dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni. Dan jingħad fir-rigward tal-lista espressament eżawrenti tal-kawżi li jistgħu jagħtu lok għal diskriminazzjoni taħt artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Jekk il-Qrati jaddotaw interpretazzjoni ristrettiva ta' l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, fl-eventwalita' li tkun riskontrata xi diskriminazzjoni li pero' ma tistax tkun abbinata ma' xi ksur ta' xi dritt konvenzjonali, inkunu qegħdin potenzjalment navventuraw f'terren fejn jista' jkollok diskriminazzjoni mhux imħarsa kemm mill-Konvenzjoni u kif mill-Kostituzzjoni. Għalhekk l-individwu jista' jkun li qed jiġi diskriminat, pero' mingħajr rimedju taħt il-liġi.

**105.** Propju minħabba f'hekk kien hemm żvillupp fejn id-diskriminazzjoni waħedha mingħajr il-ħtieġa ta' rabta ma dritt konvenzjonali, xorta ngħatat ħarsien taħt artikolu 14 tal-Konvenzjoni (ara **Sentenzi tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Sommerfeld -vs- Germany [GC], 2003 u kif ukoll Marckx -vs- Belgium, 1979 u The Belgian linguistic case, 1968**). Kien hemm diversi permutazzjonijiet oħrajn dwar kif kien applikat dan l-artikolu, għaliex finalment dak li huwa importanti hu, li l-imweġġa' jirrivendika d-drittijiet

tiegħu (ara fost oħrajn **Sentenzi tal-Qorti Erwopeja fl-ismijiet Bacskowski et -v- Poland, 2007, Aziz -vs- Cyprus, 2004 u Nachova et -vs-Bulgaria [GC], 2005**).

**106.** Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-Qorti eżaminat mill-qrib kemm is-Sentenzi ta' Brian Vella u kif ukoll ta' Christopher Bartolo. Jirrisulta li Brian Vella kien ammetta l-akkużi **bħal** Christopher Bartolo. Di fatti Brian Vella tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u l-istqarrija ntużat bħala prova kontrieh. Fl-1 ta' Lulju 2014, **ukoll** bħal Christopher Bartolo, ammetta għall-akkużi miġjuba kontrieh. Jgħid illi din l-ammissjoni saret għax: *"... mal-għeluq tal-provi tal-prosekuzzjoni ... kien rinfaċċjat b'sitwazzjoni fejn effettivament ma setax jattakka l-validità tal-istqarrija tiegħu. Fil-perjodu in kwistjoni, il-qrati maltin, kemm kostituzzjonali kif ukoll dawk ordinarji, kienu addottaw posizzjoni fejn l-validità ta' stqarrija tiddependi fuq it-test tal-vulnerabbiltà fil-mument meta tingħata l-istqarrija.*" Din **ukoll** kienet il-posizzjoni tal-liġi fil-każ ta' Christopher Bartolo fil-mument li rreġistra l-ammissjoni tiegħu.

**107.** Is-somiljanza taċ-ċirkostanzi u tal-punti legali mqanqla fiż-żewġ każijiet hija kważi rifless f'mera. Aktar minn hekk, it-tnejn ammettew meta l-istat tal-liġi esistenti fil-mument ma kienitx dik li hu llum. Di fatti, kif diġa'intqal aktar 'l fuq, b'referenza għal dak li ntqal fil-Kawża ta' Mario Zammit, **it-tnejn li huma** ma kienux f'posizzjoni li jkunu jaf bit-tibdil tal il-liġi li minnha setgħu jibbenefikaw bis-saħħa ta' artikolu 8 tal-Kap 537.

Għalhekk it-tnejn li huma kienu **fl-istess posizzjoni** fis-sens li ma kellhomx l-għażla li llum joffri dan l-artikolu.

**108.** Il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Brian Vella, akkordat ir-rimedju abbażi tal-fatt li appella mill-piena. Dan għamlu **ukoll** ir-rikorrent. Fil-każ ta' Brian Vella dik il-Qorti qalet li "*jekk huwa minnu dak li jgħid il-konvenut illi hemm provi oħra tal-ħtija tal-attur, indipendenti mill-istqarrija, għax inqabad in flagrante, dan ma huwiex ta' ostakolu għat-tħassir tas-sentenza; anzi, huwa fl-interess tal-ġustizzja li jsir hekk biex is-sejbien ta' ħtija jew nuqqas ta' ħtija tal-attur ikun imsejjes fuq provi li b'ebda mod ma jkunu mtebbgħin bl-illegalità tat-teħid tal-istqarrija u ta' ammissjoni li possibilment setgħet kienet kondizzjonata b'dik l-istqarrija".*

**109.** Din l-osservazzjoni hija applikabbli **ukoll** fil-każ ta' Christopher Bartolo. Fil-każ ta' Christopher Bartolo, **l-istess** bħal Brian Vella, kien hemm fatti oħra illi setgħu jikkorroboraw l-akkużi, fosthom, il-presenza ta' 169 gramma droga fir-residenza tiegħu. Il-flagranza tal-kummissjoni tar-rejat bis-sejba inkwistjoni hija evidenti **anke** f'dan il-każ.

**110.** Apparti dan, il-Qorti Kostituzzjonali, bħal donnha irrimproverat lir-rikorrent li ma għamel ebda proċeduri biex jattakka l-validita' tal-istqarrijiet, kif ikkonfermati bil-ġurament quddiem il-Maġistrat. Fil-każ ta' Brian Vella, ħlief għall-fatt li ma kkonfermax bil-ġurament l-istqarrijiet tiegħu quddiem il-Maġistrat, jirrisulta, li **anke** dan ma għamel ebda proċeduri biex jattakka l-

validita' tal-istaqarrijiet tiegħu. B'dana kollu, l-Qorti Kostituzzjonali ma trattatx mar-rikorrent **bl-istess** mod li għamlet ma' Brian Vella.

**111.** Fl-aħħar nett, din il-Qorti jidhrilha li għandha tagħmel osservazzjoni dwar il-prinċipju ta' dak li ġie deskritt bħala "*hobson's choice*". Filwaqt li fil-każ ta' Brian Vella dan il-prinċipju ma kellu ebda effett avvers, mhux hekk f'dak tar-rikorrent. Dan l-argument ġie evokat l-ewwel darba fil-każ ta' Mario Zammit (supra). F'dak il-każ il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kuntest tal-ammissjoni li għamel l-imsemmi Mario Zammit qalet hekk:

"*Dan huwa relevanti hafna fil-kaz odjern fejn Mario Zammit, li ma setghex kien jaf b'dak il-beneficcju li issa hu intitolat ghalih retrospettivament, ammetta ghall-akkuzi ghar-raguni fuq spjegata"*. Li riedet tgħid il-Qorti hu, li ma kellu ebda għażla ħlief li jammetti minħabba l-istat tal-liġi kien kif kien. Dan ukoll huwa ekwivalenti għal "*hobson's choice*". Il-Qorti ma tistax ma tfakkarx, li dan kien il-qalba tal-argument li ultimament wassal biex tinbidel il-liġi fl-2015. Għalhekk is-Sentenza ta' Mario Zammit stabbiliet preċedent ta' importanza partikulari.

**112.** Veru li fil-liġijiet Maltin ma jesistix il-prinċipju tal-*law of Precedent* bħal ma jesisti b'saħħa kbira fil-liġi Ingliża (ara **Joseph Xerri nomine vs Brian Clarke", Qorti tal-Kummerċ, 31 ta' Lulju 1969 u Qorti tal-Appell fl-ismijiet Vladimir Formosa -vs- Direttur tas-Servizzi Soċjali tal-4 ta' Mejju 1992).** Huwa wkoll minnu li pajjiżna għandu tradizzjoni ta'

kodifikazzjoni u li *lex scripta semper certa est*. Ġie ukoll ritenut li s-Sentenzi nostrani għandhom biss saħħa persważiva.

**113.** Fi ftit kliem, ebda Qorti ma għandha d-dmir li ssegwi bil-fors ennunċjazzjonijiet f'Sentenzi oħrajn. Iżda huwa minnu wkoll, li l-parti kbira tas-Sentenzi tagħna kontinwament u b'mod persistenti jiċċitaw Sentenzi oħrajn biex jissostanzjaw u jassodaw xi prinċipju li fuqu jkunu jridu jsejsu s-Sentenzi tagħhom. B'dana kollu ma jfissirx li dawn il-Qrati għandhom jallontanaw irwieħhom minn prinċipji sani u li jagħmlu sens f'Sentenzi oħrajn. Anzi li jkunu segwiti joħloq ukoll sens ta' ċertezza mhux biss tal-liġi kif tkun applikata iżda wisq aktar ta' ġustizzja. L-uniformita' tas-sentenza hija wkoll parti mill-kunċett wiesgħa taċ-ċertezza tad-dritt.

**114.** Il-prinċipju ennunċjat fil-każ ta' Mario Zammit u li kif jidher, kien segwit fil-każ ta' Brian Vella, ma hux wieħed li għandu jkun skartat, jekk mhux għar-raġunijiet aktar sani u li jagħmlu sens. B'dana kollu, fil-każ ta' Christopher Bartolo, kuntarjament għal każ ta' Brian Zammit, mhux biss kien skartat iżda sewa ta' ħsara għalih tant hu hekk li espressament qalet li "*ma taqbel xejn ma din it-tezi*" (Ara para 28 tas-Sentenza supra).

**115.** Il-Qorti tfakkar li fil-każ ta' Brian Vella, dan il-punt ukoll tqanqal, tant li fir-rikors promotur tiegħu fost l-aggravji imressqa qal hekk:

"*Illi mal-gheluq tal-provi tal-prosekuzzjoni, l-esponenti kien rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn effettivament ma setghax jattakka l-validita' tal-istqarrija tieghu. Fil-perjodu in kwistjoni, il-Qrati Maltin kemm kostituzzjonali kif ukoll*

*dawk ordinarji, kienu addottaw posizzjoni fejn l-validita' ta' stqarrija tiddependi fuq it-test tal-vulnerabbilta' fil-mument meta tinghata l-istqarrija;*

*Illi kien propju minhabba dawn ic-cirkostanzi li fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2Q14, l-esponenti ammetta ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu."*

**116.** Dan il-bran jindika ċar x'kien l-aggravju prinċipali ta' Brian Vella. Li ma kellux għażla ħlief li jammetti, għax altrimenti kien qiegħed jissogra piena akbar u jitlef il-benefiċċju li jakkordalu l-artikolu 22(2B) tal-Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta. Allura anke Brian Vella kellu "hobson's choice".

**117.** Għalhekk din il-Qorti, sa fejn jirrigwarda l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni tasal li dan kien tassew leż u miegħu l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti temmen, li smiegħ xieraq ma jinkludiex biss dawk l-effetti li dejjem sagramentalment jissemmew, iżda jfisser ukoll li l-akkużat ma għandux ikun trattat **b'mod differenzjali** minn oħrajn fl-**istess posizzjoni**. It-trattament differenzjali fih innifsu huwa ċ-ċaħda tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. It-trattament jrid ikun mhux ġustifikat, mhux raġjonevoli jew sproporzjonat.

**118.** Għal din il-Qorti, sa fejn jirigwarda dan l-ilment, dawn it-tlett ċirkostanzi jirrikorru. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tista' qatt issib li kien hemm ksur tal-artikolu 39, għaliex dan qatt ma jista' jkun abbinat mal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, ġaladarba dan l-ilment qiegħed unikament jintrabat ma ksur ta' artikolu konvenzjonali.

**119.** Fl-aħħar nett il-Qorti trid tipppuntwalizza s-segwenti. Biex tiġi riskontrata diskriminazzjoni, ma hux meħtieġ li t-trattament diskrimintorju jkun imnissel minn għemil volut u intenzjonat. Anke jekk ma tkunx, bħal ma fil-fatt huwa l-każ odjern, dan ma jnaqqas xejn mill-fatt, li xorta jista' iseħħ diskriminazzjoni abbażi tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors bil-mod segwenti.

Sa fejn jirrigwarda l-ilment dwar *id-direttivi rigward l-akkrediment tal-laboratorji* qed **tiċħdu**.

Sa fejn jirrigwarda l-ilment dwar *id-diversi rwoli tal-Avukat Ġenerali* qed **tiċħdu**.

Sa fejn jirrigwarda l-ilment dwar *l-istqarrija ġuramentata* qed **tilqgħu u tiddikjara** li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif imħarsa minn artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenjoni ġew miksura.

Sa fejn jirrigwarda l-ilment dwar *l-applikazzjoni tal-artikolu 8 tal-Kap 537* **qed tilqgħu** u tiddikjara li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif imħarsa minn artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) u 7 tal-Konvenzjoni ġew miksura.

Sa fejn jirrigwarda *l-ilment dwar diskriminazzjoni vis-à-vis il-proċeduri kostituzzjonali Brian Vella -vs- Avukat Ġenerali* qed **tilqgħu u tiddikjara** li

d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent imħarsa mill-artikoli 14 u 6(1) tal-Konvenzjoni ġew miksura u għalhekk **tordna** li r-rikorrent jingħata l-istess rimedji li ngħataw lil Brian Vella fis-Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Brian Vella -vs- Avukat Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2018.

Spejjes tal-Kawża kwantu għal tnejn minn ħamsa (2/5) għandhom ikunu sopportati mir-rikorrent u r-rimanenti tlieta minn ħamsa (3/5) mill-intimat.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**